MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2005

Numru 13/1998

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Mario Pollacco**

**Il-Qorti**:

Rat is-sentenza moghtija fil-21 ta' Gunju 2002 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

" Il-Qorti,

Rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat Mario Pollacco hati tal-akkuza taht l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, kif ukoll unanimament hati ta' recidiva wkoll skond l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza,

u

B'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lill-akkuzat Mario Pollacco mhux hati skond it-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, izda hati biss ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-lok, bil-persuna u bil-vjolenza, liema vjolenza kienet tikkonsisti biss f'theddid ta' omicidju u bi hsara fil-propjeta`;

U wkoll unanimament sabu lill-akkuzat hati ta' recidiva skond it-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;
Tiddikjara lil Mario Pollacco hati:

Talli fit-Tlieta (3) ta' Gunju tas-sena 1998 fl-Imsida, ikkommetta omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Rosaria sive Rose Mary Schembri u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-istess Rosaria sive Rose Mary Schembri f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt u talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Frar, 1998, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u li biha gie misjub hati u kkundannat ghal reat;

u

Tiddikjara wkoll lil Mario Pollacco hati talli fl-istess jum u post ikkommetta serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira ghad-dannu tal-istess Rosaria sive Rose Mary Schembri, liema serq hu kwalifikat bil-valur, bil-lok, bil-persuna u bil-vjolenza, liema vjolenza kienet tikkonsisti biss f'theddid ta' omicidju u hsara fil-propjeta`, kif ukoll talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Frar, 1998, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u li biha gie misjub hati u kkundannat ghal reat;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni dwar il-piena u d-dikjarazzjoni tad-difiza li l-hati ta istruzzjonijiet biex id-difiza ma tittrattax dwar il-piena;

Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment dak li r-reati gew kommessi fil-konfront ta' mara anzjana ta' eta` ferm avvanzata u allura mill-aktar vulnerabbli u l-hati abbuza mill-fiducja li l-istess vittma tad-delitt kienet poggiet fih;

Qieset li dan it-tip ta' reat, kull ma jmur, qed isir aktar frekwenti fis-socjeta` Maltija, b'mod li qed johloq insigurta` kbira fost membri anzjani tas-socjeta` li jghixu wahedhom u l-membri tal-familji taghhom li ma jistghux ikollhom mohhom mistrieh dwar is-sigurta` tal-gheziez taghhom;

Qieset ukoll il-konkors tar-reati li taghhom instab hati Mario Pollacco kif ukoll li huwa recediv f'delitt li kien ghadu kif gie misjub hati u kkundannat ghalih appena tlett xhur u nofs qabel ma kkommetta d-delitti li taghhom gie misjub hati llum;

Qieset li ma hemm ebda attenwanti ghall-htija tal-akkuzat fil-kommissjoni ta' dan id-delitt fahxi;

Rat il-fedina penali tal-hati;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni ghal kundanna tal-hati ghall-ispejjez peritali inkorsi waqt il-process a tenur tal-Art. 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat l-Artikoli 211 (1) (2), 49, 50, 31, kif ukoll l-Artikoli 261 (a) (c) (d) u (e); 262, 267, 268 (b), 269 (g), 272, 277, 329, 330, 279 (b), 280, 17, 492 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-istess Mario Pollacco ghal piena komplessiva ta' hamsa u tlettin (35) sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu kollu li l-hati qatta' arrestat in konessjoni ma' dan il-kaz u tikkundannah ukoll ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' elf tlett mija u wiehed u hamsin lira Maltin u hmistax il-centezmu

(LM1351.15) rappresentanti l-ispejjes kollha tal-perizji inkorsi tul il-kompilazzjoni u dana bl-applikazzjoni tal-Art. 533 tal-Kodici Kriminali u dana fi zmien xahrejn (2) mill-lum."

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fil-11 ta' Lulju 2002 li bih talab:

1. Skond l-artikolu 501 tal-Kodici Kriminali, li din il-Qorti tilqa' l-appell kontra d-dikjarazzjoni ta' htija u tordna li jigu registrati verdett u sentenza ta' liberazzjoni; jew

2. Alternattivament u minghajr pregudizzju ghall-fuq espost, u dan biss f'kaz li tigi michuda l-ewwel talba, tiddisponi minn dan l-appell ai termini ta' l-artikolu 502 tal-Kodici Kriminali; jew

3. Alternattivament u minghajr ebda pregudizzju ghall-fuq espost, u dan biss f'kaz li tigi michuda sia l-ewwel talba kif ukoll it-tieni talba, jigi kkunsidrat temperament fis-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-piena billi tigi imposta piena li tkun aktar gusta, ekwa, proporzjonata u bilancjata ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant, skond ir-rikors ta' appell tieghu, huma li huwa gie manifestament misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kaz u li kien hemm irregolaritajiet matul il-guri u interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellhom influwenza fuq il-verdett.

Qabel xejn, pero`, jigi rilevat li l-appellant talab lil din il-Qorti "ghal finijiet tal-gustizzja u a bazi tal-poteri moghtija lilha permezz ta' l-Artikolu 506 tal-Kodici Kriminali" li (1) tappunta odontologu jew odontologi jew kwalsiasi perit/i li jidhrilha hi, fid-diskrezzjoni assoluta taghha, sabiex janalizzaw il-konkluzjonijiet tal-Professur Hector Galea fl-

isfond vera ta' din ix-xjenza hekk teknika u delikata, u (2) tordna l-produzzjoni tad-dokument 98 BHP 475 (xaghra) u tad-dokument 98 BHP 207 (konsistenti f'*cellular debris*) sabiex tordna li jsir DNA test u kull test iehor rilevanti fuqhom.

Kwantu ghall-ewwel talba tieghu, l-appellant isostni li minkejja l-Professur Hector Galea huwa dentist abbli u jista' jitqies bhala awtorita` fid-dentistrija hawn Malta, huwa mhuwiex odontologu. L-appellant imbaghad ikompli jghid:

"L-odontologija hija xjenza specjalizzata li titratta l-istruttura u zvilupp ta' snien. Kull odontologu, per forza, irid ikun dentist, izda certament li mhux kull dentist huwa odontologu. Fil-fatt, il-Professur Galea, minkejja li huwa dentist abbli, mhuwiex odontologu. Jigi enfaszzat f'dan l-istadju li l-pern tal-kaz kontra l-esponent jiccentra madwar l-odontologija. Il-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh fuq il-grif fuq driegh l-esponent li l-Professur Galea ddikjara li gie maghmul minn xi snien tal-vittma. Jigi umilment rilevat li l-Artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jezigi illi r-raguni ghall-hatra ta' espert hija l-hila u s-sengha specjali li dak l-espert ikollu fil-qasam in kwistjoni. Is-sengha specjali applikabbli ghall-kaz odjern hija bla dubbju l-odontologija, u, kif gie rilevat, il-Professur Galea mhuwiex odontologu. L-esponent ghalhekk umilment jissottometti li l-Professur Galea ma kienx il-bniedem ideali biex jahdem fuq il-kaz odjern ghax ma kellux is-'sengha specjali' ta' l-odontologija. Minhabba f'hekk u minhabba l-fatt li l-esponent mill-bidu nett ilmenta li l-Professur Galea kien pregudikat fil-konfront tieghu (ara pagni 18-19 ta' dan ir-rikors), id-difiza ta' l-esponent sa mill-bidu nett tal-kumpilazzjoni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kienet talbet ghal diversi drabi li jinhatru periti ulterjuri, anke a spejjez ta' l-istess esponent. Madankollu t-talbiet tad-difiza invarjabbilment gew michudin."

Minbarra li, kif jghid tajjeb l-appellant, talbiet li ghamel quddiem il-Qorti tal-Magistrati gew michudin, jigi nnotat is-segwenti:

Wara li gie pprezentat l-att ta' akkuza, l-appellant qajjem diversi eccezzjonijiet permezz ta' nota pprezentata fis-26 ta' Mejju 1999. Dawn l-eccezzjonijiet gew fl-ewwel lok decizi mill-Qorti Kriminali bis-sentenza taghha tat-28 ta' Lulju 1999. Fost dawn l-eccezzjonijiet, ir-raba' eccezzjoni sostniet l-inammissibilita` tax-xiehda u ta' kull prova ohra maghmula minn Martin Bajada u l-Professur Hector Galea peress illi ta' l-ewwel mhuwiex *computer analyst* b'tahrig fl-odontologija u/jew il-forensika filwaqt illi t-tieni mhuwiex *forensic odontologist* u ghalhekk hawn tonqos l-aqwa prova.

Fis-sentenza taghha dik il-Qorti qalet illi "fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il-kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l-gudikant tal-fatt 'mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu' (Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk Martin Bajada u l-Professur Hector Galea humiex l-ahjar prova, ossia l-ahjar esperti, li setghu jingiebu f'dan il-kaz hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u mhux kwistjoni ta' ammissibilita` ta' provi li tista' titqanqal f'dana l-istadju." Ghalhekk dik il-Qorti ghaddiet biex tirrespingi l-imsemmija eccezzjoni.

L-appellant appella mis-sentenza msemmija u b'sentenza taghha tad-19 ta' April 2001, din il-Qorti, kif diversament komposta, cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata fit-totalita` taghha. Dwar l-aggravju rigwardanti r-raba' eccezzjoni qalet li kienet qed tqis tali aggravju frivolu ghall-ahhar kif anke vessatorju. Irrimarkat li dak li qalet l-ewwel Qorti "fir-rigward, u cioe` illi l-esperti jigu nominati mill-Qorti u li mbaghad il-kwistjoni ta' x'valur probatorju jinghad ghal dak illi jghidu, anke fuq bazi ta' dak li jirrizulta bhala esperjenza professjonali taghhom, ikun jispetta lill-gurati, huwa ineccepibbli u mhux il-kaz li jinghad iktar fuq hekk".

Fil-kors tal-guri, meta kien qieghed jixhed il-Professur Hector Galea, id-difiza ssollevat oggezzjoni fis-sens li l-Magistrat Inkwerenti ma kienx tah il-kompitu biex jaghmel *comparison* tal-*casts*, kif ghamel fil-kaz ta' Martin Bajada u ghalhekk meta l-Professur Galea ghamel il-paraguni, huwa kien qieghed jagixxi *ultra vires* u mar *beyond his brief* u ghalhekk il-paraguni mhux ammissibbli. Il-Qorti Kriminali, b'digriet tat-13 ta' Gunju 2002, wara li rreferiet ghas-sentenza moghtija minnha diversament presjeduta fit-28 ta' Lulju 1999 u kkonfermata minn din il-Qorti diversament komposta fid-19 ta' April 2001 fejn din il-kwistjoni kienet ukoll ventilata, irrespingiet l-imsemmija oggezzjoni u ddecidiet billi "tippermetti lill-Professur Hector Galea li jikkonferma r-relazzjoni tieghu li gja` tinsab fil-process u li jaghti x-xiehda bhala espert nominat mill-Qorti u jesprimi kull opinjoni li hija entro l-kompetenza professjonali tieghu bhala *forensic odontologist*".

Jidher ghalhekk li l-appellant qieghed issa jaghmel tentattiv ahhari sabiex jinficja dak kollu li qal u li ssottometta l-Professur Hector Galea.

Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment:

**"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali** [fit-test ingliz: **special knowledge or skill**]**, ghandha tigi ordnata perizja."**

Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'**Blackstone's Criminal Practice 2001**[1], *"whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both"*. Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet *R. v. Bonython* (1984)

---

[1] Para. F10.3 pagna 2120.

38 S.A.S.R. 45, citat f'**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**[2], King C.J. qal:

**"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the *voir dire* of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies…. Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion….**

**If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the *voir dire* in order to make a finding as to those qualifications…."**

Fil-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti jirrizulta li l-ewwel mistoqsijiet li saru lill-Professur Hector Galea mill-prosekuzzjoni waqt l-ezami kienu jirrigwardaw il-kwalifiki tieghu. Ix-xhud qal li kien Professur fl-Universita` ta' Malta, direttur min-naha tad-Division of Health u l-esperjenzi tieghu fil-qasam ta' l-odontologija forensika ilhom mis-sebghinijiet. Fil-kontro-ezami, <u>id-difiza ma saqsiet xejn dwar il-kwalifiki tieghu</u> u llimitat ruhha biex issaqsi dettalji dwar il-metodologija li uza biex wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu, u biex tikkonfrontah b'dokument li jidher li hu kien l-awtur tieghu izda li rrizulta li kien biss *draft* inizjali u <u>mhux konklussiv</u> tar-relazzjoni. Kien imbaghad ghall-gurati sabiex jiddeciedu, a bazi ta' l-apprezzament taghhom tal-kwalifiki li kellu l-Professur Galea, x'piz setghu jaghtu lill-konkluzjonijiet li huwa wasal ghalihom. L-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali fil-fatt jiddisponi:

**"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."**

---

2 Para. 10-65 pagna 1234.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara l-ebda raguni sabiex tghid, bhalma qieghed jitlob l-appellant, li l-Professur Hector Galea ma kellux il-kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti. Kemm il-Qorti Istruttorja kif ukoll il-Qorti Kriminali kienu tal-fehma li kellu l-kwalifiki mehtiega, pero` fl-ahhar mill-ahhar il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.

Konsegwentement din it-talba hi michuda.

Kwantu ghat-tieni talba, l-appellant jissottometti li l-kaz tieghu kien ikkaratterizzat minn difetti u *shortcomings* kolossali fil-qasam tax-xjenza forensika. Jghid li l-ewwel access sar fid-dlam peress illi gol-fond tal-vittma ma kienx hemm elettriku u, per konsegwenza, ix-xena tad-delitt giet disturbata. U jkompli:

"Aghar minn hekk:

- Xaghra li nstabet vicin il-kadavru ma sar ebda test fuqha;
- Marki ta' passi li nstabu vicin il-kadavru ma gewx elevati u ppreservati;
- *Fingerprint* bid-demm li nstab fuq il-bieb ta' barra tal-fond tal-vittma Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri ma giex elevat; u
- Kif gie umilment espost aktar 'il fuq f'dan ir-rikors, fuq decizjoni unilaterali tat-Tabib Mario Scerri, ma sar ebda DNA test fuq *cellular debris* (laham uman) li nstab taht xi dwiefer tal-vittma, u li b'kull probabbilta` kien jappartjeni lill-aggressur (u probabbilment lill-qattiel) taghha.

B'kull rispett u b'umilta` l-esponent jissottometti li dawn in-nuqqasijiet, liema nuqqasijiet certament li m'humiex htija tieghu, holqu pregudizzju manifest ghall-interessi tieghu, u ghall-interess tal-gustizzja b'dan illi d-DNA test fuq is-*cellular debris* seta' facilment ibieghed lill-esponent mix-xena tad-delitt u jghin sabiex jikxef min verament wettaq

dan id-delitt fahxi. Ghalkemm kif jghid il-Malti: ghall-maghmul m'hemmx kunsill, u ormai l-marki tal-passi u l-*fingerprint* intilfu darba ghal dejjem, b'xorti tajba mhux l-istess jista' jinghad ghax-xaghra u ghas-*cellular debris*."

Issa skond l-artikolu 506 tal-Kodici Kriminali din il-Qorti tista', jekk jidhrilha mehtiega jew espedjenti fl-interessi tal-gustizzja:

**"(a) tordna l-produzzjoni ta' kull dokument, esibit, jew oggett iehor li ghandhom x'jaqsmu mal-kawza, li l-produzzjoni taghhom jidhrilha li huma mehtiega ghad-decizjoni tal-kawza; u**

**(b) jekk jidhrilha xieraq tordna lil kull xhieda li setghu jigu obbligati jixhdu fil-kawza biex jidhru ghall-ezami u jigu ezaminati quddiem il-qorti, sew jekk kienu msejha fil-kawza sew jekk le, jew tordna li l-ezami ta' kull xhieda bhal dawk isir b'xi mod provdut mil-ligi; u**

**(c) jekk jidhrilha xieraq taccetta x-xiehda, jekk offerta, ta' kull xhud (inkluz l-appellant) li jkun xhud kompetenti izda li ma setax jigi obbligat jixhed fil-kawza, u, jekk l-appellant jaghmel rikors ghalhekk, tar-ragel jew tal-mara ta' l-apepllant, f'kazijiet meta x-xiehda tar-ragel jew tal-mara ma setghetx tinghata fil-kawza hlief wara dak ir-rikors, bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 635."**

L-artikolu 507 tal-Kodici Kriminali mbaghad jiddisponi:

**"Minghajr hsara ghall-generalita` ta' l-ahhar artikolu qabel dan, meta tigi offerta xiehda quddiem il-qorti skond dak l-artikolu, il-qorti ghandha, hlief jekk tkun sodisfatta illi x-xiehda jekk ammessa ma taghti ebda lok biex jigi milqugh l-appell, tezercita s-setgha taghha skond dak l-artikolu li tirceviha jekk -**

**(a) jidher lill-qorti illi x-xiehda x'aktarx tkun kredibbli u kienet tkun ammissibbli fil-kawza fuq kwistjoni li hija l-oggett ta' l-appell; u**

**(b) il-qorti tkun sodisfatta li ma gietx migjuba fil-kawza, izda li hemm spjegazzjoni ragonevoli ghan-nuqqas biex tigi hekk migjuba."**

L-artikoli msemmija gew ezaminati minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Angel sive Angelo Bajada** moghtija fil-15 ta' Mejju 1990 (Vol. LXXIV.v.632) u l-parti rilevanti taghha qed tigi citata hawn *in extenso*:

**"Issa kif diga` kellha okkazjoni tosserva din il-Qorti fis-sentenza tagha tal-5 ta' Marzu 1971 in *re:Il-Maesta` Taghha r-Regina vs Alfred sive Fredu Frendo u Vincent sive Censu Vella*:**

**'Dawn id-disposizzjonijiet huma modellati kelma b'kelma fuq id-disposizzjonijiet korrispondenti tal-ligi ingliza kif emendata fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-*Donovan Committee* (Cmnd. 2755 para. 136) li qalu *"it would help the Court to avoid or correct any miscarriage of justice if evidence were admitted if there were a reasonable explanation for the failure to adduce it at the trial"*. L-emenda giet l-ewwel introdotta bil-*Criminal Appeal Act 1966 s. 5* u mbagad giet inkorporata fil-*Criminal Appeal Act 1968 s.23*'.**

**Kif kienet spjegat din il-Qorti kif allura komposta fis-sentenza taghha citata:**

**'Bl-artikolu 508J (illum art. 506) (korrispondenti ghal disposizzjoni li kienet ga tezisti taht il-*Criminal Appeal Act 1907*) il-Qorti ghandha <u>diskrezzjoni</u> li tammetti provi godda jekk jidhrilha xieraq u mehtieg jew espedjenti fl-interessi tal-gustizzja. Il-principji generali li fuqhom il-Qrati fl-Ingilterra kienu jiggwidaw ruhhom fl-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni jistghu jigu rijassunti brevement hekk: *"(i) the evidence must be evidence which was not available at the trial; (ii) it must be evidence relevant to the issues; (iii) it must be credible evidence, i.e. evidence well capable of belief; (iv) if the evidence is admitted the Court will, after considering it, go on to consider whether there***

***might have been a reasonable doubt in the minds of the jury as to the guilt of the appellant if that evidence had been given together with the other evidence at the trial"* (*Cfr. Court of Appeal, Criminal Division: by Dr. Thompson & H. W. Walleston, 1969, p. 121 and Archbold, 37th Ed. 890*). Biex provi godda kienu jigu ammessi *"a very strong case must be made out ...."* Izda, mill-banda l-ohra, il-Qrati kienu jezercitaw id-diskrezzjoni taghhom *"where the interests of justice were plain"* u l-Qorti kienet tkun tal-fehma li seta' gie nkors *"miscarriage of justice"* f'liema kaz il-Qorti *"would not allow a technical point to stand in its way"* (*R. vs Perry and Harvey, 2 Cr. App. R. 89*).**

**Taht l-artikolu 508K (illum 507) invece, hu impost <u>obbligu</u> fuq il-Qorti li tammetti provi godda, jekk ikunu jirrikorru l-kondizzjonijiet preskritti fih. Dawn huma illi a) il-Qorti tkun sodisfatta li hemm spjegazzjoni ragonevoli ghaliex il-prova ma gietx prodotta fil-process; u b) il-Qorti jkun jidhrilha illi l-prova offerta hi aktarx kredibbli (cjoe` *"well capable of belief"*) u li kienet tkun ammissibbli fil-process fuq punt rilevanti ghall-appell. <u>Izda</u> l-Qorti tista' tirrifjuta li tammetti l-prova jekk tkun sodisfatta li ma taghti ebda lok biex l-appell jigi milqugh (*"the Court is satisfied that it would not afford any ground for allowing the appeal"*)'.**

**Kif kienet ziedet tghid il-Qorti fis-sentenza citata:**

**'Il-principji huma ragonevolment cari. L-iskop principali ta' l-emendi l-godda fl-Att ingliz - u dan ghandu jkun l-iskop tal-ligi taghna - huwa li, sakemm jista' jkun, ma jithalliex li jkun hemm *"miscarriage of justice"*. L-applikazzjoni prattika tal-principji, pero`, tiddependi necessarjament mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u l-Qorti ma tistax tistabbilixxi regoli jew kriterji assoluti *a priori*'.**

**Ma' dan kollu li kienet qalet din il-Qorti jista' jizdied biss l-artikoli 506 u 507 tal-Kodici Kriminali huma indipendenti minn xulxin fis-sens illi anki jekk ma**

**jkunux jirrikorru r-rekwiziti taht l-artikolu 507, il-Qorti xorta ghandha d-diskrezzjoni li tapplika l-artikolu 506 jekk ikun il-kaz. Izda kif jispjega l-Archbold (42nd Ed. Para. 98, p.884):**

***'Of course, it is common sense that the Court will not receive evidence under subsection (1) if it is satisfied that it "would not afford any ground for allowing the appeal"; for its reception would not be "necessary" in the interests of justice'*****.**

**F'dan l-isfond legali hu ovvju li l-kompitu tal-Qorti mhux wiehed facli ghaliex hu essenzjalment marbut ma' l-ezami ta' l-istess mertu ta' l-appell fis-sens li jidher car li biex tasal ghall-konkluzjoni taccettax jew le t-talba ghall-produzzjoni tax-xhud mitlub trid essenzjalment tidhol fil-qalba tal-mertu ta' l-appell. Dana ghaliex wahda mid-domandi basici li trid taghmel lilha nfisha u li trid twiegeb ghaliha hija proprju jekk hemmx possibilita` li bl-ammissjoni ta' dik ix-xhieda fl-istadju tal-guri kienx jidhol f'mohh il-gurati dak id-dubju ragonevoli li a bazi tieghu kienu jkunu tenuti johorgu b'verdett ta' mhux hati. Anzi fit-terminu ta' l-artikolu 507 din il-Qorti trid l-ewwel u qabel kollox tara jekk dik ix-xhieda jekk ammessa taghtix lok biex jigi milqugh l-appell".**

Fil-kaz in dizamina, l-appellant qieghed jitlob li din il-Qorti tordna l-produzzjoni taz-zewg dokumenti suriferiti u tinnomina espert biex isir *test* tad-DNA u kull *test* iehor rilevanti fuqhom. Sabiex din it-talba tista' tintlaqa' minn din il-Qorti, irid jidhrilha l-ewwelnett li l-produzzjoni ta' tali dokumenti hija mehtiega ghad-decizjoni tal-kawza. Ghalhekk huwa mehtieg li din il-Qorti tikkunsidra l-mertu proprju ta' l-appell sabiex tiddetermina jekk tali dokumenti u testijiet mitluba jistghux ragjonevolment jeffettwaw id-decizjoni tal-gurati li jsibu l-htija.

Qabel ma taghmel dan, pero`, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravji ta' indoli legali sollevati mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu:

**(i) Irregolaritajiet matul il-guri**

L-ewwel ilment ta' l-appellant jirrigwarda x-xiehda tas-serologu u analista Robert Cardona u Christopher Farrugia rispettivament, nominati esperti mill-Magistrat Inkwerenti. Jghid li l-ewwel Qorti ma hallithomx jixhdu dwar il-konstatazzjoniiet taghhom izda biss dwar fatti, u dan ghamlitu a bazi ta' sentenza tal-Qorti Kriminali tad-19 ta' April 2001 ikkonfermata minn din il-Qorti diversament komposta. L-appellant jghid li in kwantu "esperti" huma wkoll membri tal-Korp tal-Pulizija l-ewwel Qorti ghandha ragun. Izda Robert Cardona u Christoper Farrugia mhumiex membri tal-Korp tal-Pulizija. Huma impjegati mal-Laboratorju tax-Xjenza Forensika, huma awtonomi mill-Korp tal-Pulizija u l-unika rabta ma' l-istess Korp hi li l-paga tinhareg mill-Gvern tramite l-istruttura tal-Korp. Madankollu l-ewwel Qorti rriteniet li dawn iz-zewg xhieda huma membri tal-Korp u konsegwentement impediethom milli jixhdu dwar rizultanzi frott l-*expertise* taghhom u halliethom jixhdu biss dwar fatti. Ghalhekk l-appellant hassu aggravat b'din l-irregolarita` ghaliex tramite x-xiehda taghhom kien jistabilixxi li, fost hwejjeg importanti ohra, il-*fingerpint* li nstab fuq il-bieb ta' barra tal-fond tal-vittma kien maghmul minn ticpisa ta' demm, li dan id-demm kien ta' Grupp "A" filwaqt li d-demm ta' l-appellant huwa ta' Grupp "O, Rhesus Positive", li mkien fuq ix-xena tad-delitt ma nstabu tracci ta' demm kompatibbli mal-*bloodgroup* ta' l-appellant, li ma sar ebda test fuq ix-xaghra msemmija u li ma sar ebda DNA test fuq *nail scrapings* li rrizulta li kienu jikkonsistu f'*cellular debris*.

Din il-kwistjoni tqajmet quddiem l-ewwel Qorti meta kienu qeghdin jixhdu Christopher Farrugia u Robert Cardona fit-18 ta' Gunju 2002 fl-istadju tad-difiza. Id-difiza talbet illi dawn iz-zewg xhieda, oltre domandi fuq konsiderazzjonijiet li ghamlu, tkun tista' tistaqsihom dwar konkluzjonijiet u opinjonijiet taghhom u li anke r-relazzjoni taghhom tkun accessibbli ghall-gurati fit-totalita` taghhom. Il-prosekuzzjoni oggezzjonat peress illi, in ottemperanza ma' kif ipprovdiet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari, fl-istadju tal-provi tal-

prosekuzzjoni kellha tghaddi minghajr il-konkluzjonijiet tax-xhieda li issa d-difiza qieghda ssejjah. Dakinhar l-ewwel Qorti ddekretat hekk:

"Il-Qorti:

Rat it-talba tad-difiza kif irregistrata;

Rat ir-risposta tal-prosekuzzjoni kif irregistrata;

Rat is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta tat-28 ta' Lulju 1999;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' April 2001;

Rat il-provvediment ta' din il-Qorti kif presjeduta tat-13 ta' Gunju 2002;

Semghet bil-gurament lix-xhieda Christopher Farrugia u Robert Cardona li t-tnejn ikkonfermaw illi minn meta kienu ngaggati fil-Laboratorju Forensiku sas-sena 2001, ghalkemm ma kinux Pulizija, kienu dipendenti tal-Kummissarju tal-Pulizija sakemm saret organizzazzjoni gdid fis-sena 2001;

Rat illi l-oggezzjoni tad-difiza kienet illi esperti li jkunu jiddependu ghal ghixien taghhom mill-Korp tal-Pulizija ma jistghux ikunu indipendenti kompletament, u kien proprju ghalhekk li giet provokata favur id-difiza l-proviso li ghamlet fis-sentenza preliminari taghha din il-Qorti diversament presjeduta, meta cahdet l-eccezzjoni preliminari tad-difiza liema proviso jibda bil-kliem 'izda fl-istess waqt' u jispicca bil-kliem 'relazzjonijiet taghhom';

Ikkonsidrat illi ma jkunx fl-ahjar interess tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja li d-difiza tinvoka dan il-proviso fejn jidhrilha taghmel hekk u tinjorah fejn jidhrilha li ma jaqbilx li tiehu vantagg minnu, u dana billi l-istess Qorti ma kienet ghamlet ebda distinzjoni bejn il-konkluzjonijiet tal-esperti li jinzlu tajjeb fid-difiza u ohrajn li ma jinzluliex;

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi illi timxi strettament ma' dak gia` deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta u konformament mal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fuq citata u filwaqt li tippermetti lid-difiza li taghmel domandi dwar dak li dawn iz-zewg xhieda ikkonstataw 'de visu', timpedixxi lid-difiza milli tipprova tilicita minnhom xi opinjoni jew konkluzjoni qua esperti u jekk id-difiza tibqa' tinsisti li tinghata kopja tar-relazzjoni ta' dawn l-esperti lill-gurati din trid tkun espurgata minn kull konkluzjoni u/jew opinjoni li ma tikkostitwixxix prova mhux 'de visu' li jista' jaghmel xhud ordinarju li ma jkunx espert."

Issa, mill-atti jirrizulta illi fit-18 ta' Dicembru 1999 l-appellant (allura akkuzat) kien ipprezenta nota quddiem l-ewwel Qorti fejn, permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu, eccepixxa li n-nomina tal-esperti ma saritx skond il-ligi u konsegwentement ir-rapporti ta' dawk l-esperti mhux korrettement nominati ghandhom jigu sfilzati mill-process. B'digriet taghha tat-12 ta' Mejju 1999, dik il-Qorti akkordat gimaghtejn zmien lid-difiza sabiex, b'referenza ghal din it-tielet eccezzjoni, tindika liema huma l-esperti li qed tirreferi ghalihom (u dan b'referenza ghal pagni fl-atti tal-process fejn huma gew nominati bhala esperti) kif ukoll tindika jekk din l-eccezzjoni hix b'xi mod qed tigi arginata u limitata ghal dawk l-"esperti" li huma wkoll membri tal-Korp tal-Pulizija.

Fin-nota tieghu tas-26 ta' Mejju 1999, l-appellant, minbarra li jitlob l-isfilz tar-rapporti tal-Professur Hector Galea u ta' Martin Bajada, jghid hekk dwar dawk l-"esperti" li huma wkoll membri tal-Korp tal-Pulizija:

"(a) Illi s-surgenti u kuntistabblijiet mahtura fl-inkjesta u kkonfermati fl-istruttorja u cioe`:

P.C. 1184 Patrick Grech (ara ukoll *a folio* 172 dok. P.G. 1, *a folio* 241 dok. P. G. 2);
P.C. 239 Joseph Caruana (ara ukoll dok ALX *a folio* 690);
P.C. 1261 Charles Pace (ara proces verbal *a folio* 42 u dok CP1 *a folio* 427),

Ghandhom ikunu ammissibbli biss bhala xhieda ordinarji, cioe` biex jiddeponu biss fuq il-konstatazzjonijiet ta' fatt minnhom maghmula izda mhux biex jesprimu opinjonijiet *qua* esperti, u dana in linea mal-gurisprudenza kemm tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kif ukoll tal-Qorti Kostituzzjonali (ara f'dan is-sens Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija, Q. Kost., 22/5/91; Il-Pulizija vs Longinu Aquilina, Q. Kost., 23/1/92; Il-Pulizija vs Carmel Camilleri u Therese sive Tessie Agius, Q. Kost., 30/4/93; Il-Pulizija vs Joseph Harrington u Thomas sive Tommy Baldacchino, Q. Kost., 31/7/96);

(b) Illi minn ezami tal-atti relattivi ma jidhirx li P.C. 956 Andrew Caruana kien gie nominat fl-inkjesta u l-anqas fl-Istruttorja. Minkejja dan pero` l-istess P.C. 956 Andrew Caruana kien involut fir-rapport li jinsab *a folio* 690 dok ALX. Fil-konfront ta' dan ix-xhud/espert, l-esponent izomm shih mal-eccezzjoni tieghu fuq imsemmija."

L-appellant imkien ma semma' lil Christopher Farrugia u lil Robert Cardona izda semma' biss dawk il-persuni li kienu ufficjali fil-Korp tal-Pulizija.

Fis-sentenza taghha tat-28 ta' Lulju 1999 l-ewwel Qorti pprovdiet hekk dwar l-imsemmija tielet eccezzjoni ta' l-akkuzat:

**"tirrespingi din l-eccezzjoni kif formulata, izda fl-istess waqt tipprovdi li dawk il-membri tal-Korp tal-Pulizija li gew nominati bhala 'esperti', ghalkemm huma producibbli bhala xhieda u r-relazzjonijiet taghhom huma producibbli bhala dokumenti, dawn jistghu jixhdu limitatament dwar fatti li kkonstataw u minghajr ma jesprimu opinjonijiet *qua* esperti; u bl-istess limitazzjonijiet huma producibbli r-relazzjonijiet taghhom".**

Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti giet ikkonfermata minn din il-Qorti, diversament komposta, "fit-totalita` taghha" fid-19 ta' April 2001.

Fl-istess gurnata pero`, din il-Qorti, kif dak iz-zmien komposta, kienet tat sentenza ohra fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmelo Spiteri** fejn ikkonfermat sentenza ohra moghtija mill-Qorti Kriminali fil-31 ta' Awissu 1998 li, fost diversi eccezzjonijiet ohra, kienet ittrattat eccezzjoni li kienet ukoll tirrigwarda n-nomina ta' esperti li kienu membri tal-Korp tal-Pulizija b'dan li din l-eccezzjoni kienet tirrigwarda ukoll pajzana li jahdmu fil-*Forensic Science Laboratory* li jinsab fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

F'dik is-sentenza tal-31 ta' Awissu 1998, il-Qorti Kriminali kienet enuncjat dawn iz-zewg principji:

**"(i) li membri tal-Korp tal-Pulizija (i.e. kuntistabblijiet, surgenti u fizzjali) m'ghandhomx jinhatru periti fis-sens ta' l-Artikolu 650 tal-Kap. 9, u li jekk dawn xorta wahda hekk jinhatru, huma jkunu ammissibbli biss bhala xhieda ordinarji, cioe` biex jiddeponu biss fuq il-konstatazzjonijiet ta' fatt minnhom maghmula izda mhux biex jesprimu opinjonijiet *qua* esperti; u**

**(ii) li Dott. Anthony Abela Medici u, *semble*, pajzana ohra (li ma humiex membri tal-Korp tal-Pulizija), ghalkemm jahdmu fil-*Forensic Science Laboratory* li jinsab fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll membri tal-Forzi Armati ta' Malta, jistghu jigu nominati bhala periti u jiddeponu bhala tali kemm-il darba ma jkunx jirrizulta fil-kaz konkret li huma jkunu, qabel in-nomina taghhom, jew esprimew ruhhom dwar il-htija tal-imputat jew akkuzat li jkun, jew altrimenti, fil-kors ta' xi xoghol li jkunu gew imqabbda jaghmlu minn awtorita` mhux gudizzjarja in konnessjoni mal-*in genere*, ikunu iffurmaw "pre-gudizzju" kontra l-imsemmi imputat jew akkuzat."**

Minn dan kollu ghalhekk din il-Qorti tifhem illi meta fis-sentenza preliminari fir-rigward ta' l-appellant odjern kienet qed issir referenza ghal "membri tal-Korp tal-Pulizija", kienet qed issir referenza specifika ghal dawk "l-ufficjali" li kienu indikati mill-appellant stess fin-nota tieghu tas-26 ta' Mejju 1999, jigifieri li kienu kuntistabblijiet jew

surgenti. Ghal xi raguni, fil-kawza odjerna, cioe` ta’ Mario Pollacco, la l-prosekuzzjoni u anqas id-difiza ma dehrilhom li kellhom jattiraw l-attenzjoni tal-Qorti Kriminali ghal din is-sentenza ta’ **Spiteri**, ghax kieku ghamlu hekk dik il-Qorti kien ikollha l-vantagg li tikkunsidra d-distinzjoni netta li saret bejn dawk li huma fil-fatt membri fil-Korp tal-Pulizija, cioe` ufficjali ta' l-istess Korp, u dawk il-pajzana (li allura mhumiex membri tal-Korp tal-Pulizija) li pero` jahdmu jew kienu jahdmu fil-Laboratorju Forensiku fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta mpediet lid-difiza milli taghmel mistoqsijiet lil Christopher Farrugia u Robert Cardona minghajr ma stabbiliet *a priori* "li huma jkunu, qabel in-nomina taghhom, jew esprimew ruhhom dwar il-htija … tal-akkuzat, jew altrimenti, fil-kors ta' xi xoghol li jkunu gew imqabbda jaghmlu minn awtorita` mhux gudizzjarja in konnessjoni mal-*in genere*, ikunu iffurmaw 'pre-gudizzju' kontra l-imsemmi … akkuzat".

Din il-Qorti trid naturalment tistabilixxi jekk tali irregolarita` setghetx kellha influwenza fuq il-verdett. U sa certu punt hija irregolarita` marbuta intimament mat-talba li saret mill-appellant biex jigu nominati esperti sabiex jezaminaw ix-xaghra u s-*cellular debris* aktar qabel imsemmija. Dan kollu se jigi kkunsidrat aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

Ilment iehor ta' l-appellant huwa dwar kummenti li ghamlet l-ewwel Qorti rigwardanti fatti u interpretazzjoni taghhom. Jghid li ghalkemm fis-sistema penali taghna l-gudikant ghandu kull dritt jghaddi kummenti u jaghti interpretazzjonijiet ta' fatti li ma jorbtux lill-gurati, *de facto* li jigri hu li l-gurati, li ma jkollhom ebda *background* tas-sistema penali, juzaw lill-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi bhala *a point of reference*. Ghalhekk, ikompli jghid l-appellant, meta Mhallef jinterpreta fatt jew jikkummenta fuqu, jew jaghti l-opinjoni tieghu dwaru, ghalkemm invarjabbilment jispicca bil-frazi "din ma torbotkomx, araw intom", *de facto* huwa ferm improbabbli li gurat jiddeciedi kontra l-fehma jew l-opinjoni ta' l-Imhallef, ghax ghall-gurat l-Imhallef huwa l-punt ta' referenza, huwa s-Suprem, huwa l-bniedem bl-esperjenza

f'kazijiet simili. L-appellant imbaghad jaghti ezempji specifici:

(1) B'referenza ghad-dokument li d-difiza kkonfrontat lill-Professur Hector Galea bih, u li l-Professur Galea ddikjara li probabbilment kien *"an early draft"* tar-rapport finali, l-iskop tad-difiza li tipprezentah kien li, kuntrarjament ghal dak li l-imsemmi Professur Galea ddikjara li kien cert *"cento per cento"* dwar il-konkluzjonijiet tieghu, ma setax ikun mija fil-mija cert dwar tali konkluzjonijiet galadarba f'dak id-dokument kien wasal ghal konkluzjonijiet totalment differenti. Fl-indirizz tieghu, l-Imhallef li ppresjeda l-guri kkummenta dwar dan id-dokument fis-sens li kien gie misruq, ipprova jnaqqas l-importanza tal-konkluzjonijiet li l-Professur wasal ghalihom f'dan id-dokument, u ta interpretazzjoni tal-konkluzjonijet fl-imsemmi dokument. L-appellant jissottometti li hawn *non si tratta* semplicement ta' "irtokk" minn *"early draft"* ghal rapport finali, izda ta' konkluzjonijiet ghal kollox differenti minn xulxin.

(2) Waqt li l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jispjega lill-gurati xi fatturi li jaghmlu xhud kredibbli jew le, zbilancja ruhu billi ta wiehed x'jifhem li xi esperti, partikolarment il-Professur Hector Galea, kienu aktar kredibbli minn xhieda ohra. Jirreferi ghal bran fejn l-Imhallef li ppresjeda l-guri rrefera ghall-mod dettaljat kif xehdu l-Professur Galea u Martin Bajada u kif ikun hemm hadd iehor jixhed b'mod superficjali.

(3) Ghalkemm l-Imhallef li ppresjeda l-guri uza l-kelma "xhud" u ma rrferiex ghall-appellant direttament, meta kien qieghed jindirizza lill-gurati dwar xhud li jkunu sarulu sensiela ta' konfronti li fihom gie kontradett diversi drabi, huwa evidenti li r-referenza hija ghall-appellant u dan jitfa' dell fuq il-kredibilita` u l-konsistenza tieghu.

(4) Il-prosekuzzjoni kkonfrontat lill-appellant ma' diversi xhieda, fosthom l-esperti Mario Scerri u Hector Galea u membri gholja tal-Korp tal-Pulizija. Fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri saqsa x'interess jista' jkollu l-

espert, jew l-Ispettur jew Kuntistabbli jew Kummissarju li jghid haga u mhux ohra.

(5) Kumment iehor li l-appellant ihoss li seta' kellu effett fuq il-verdett kien meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri rrefera ghar-rimarka ta' l-appellant li jekk igibulu dentist iehor indipendenti li jghid li l-marki huma tieghu huwa jammetti, u fl-indirizz lill-gurati saqsa jekk ikunu f'dik il-posizzjoni jirrimarkawx hekk jew inkella li "lanqas jekk iggib mitt dentist ma nammetti ghax ma kontx jien".

Dawn l-ezempji huma principalment indirizzati lejn il-provi li l-prosekuzzjoni ressqet permezz tal-Professur Hector Galea, provi li d-difiza ghamlet l-almu taghha sabiex testrapola, twaqqa' jew tikkontradici.

Issa, il-guri f'dan il-kaz dam mill-10 ta' Gunju 2002 sal-21 ta' Gunju 2002. Il-gurati dahlu jiddeliberaw fin-12.35 p.m. ta' l-20 ta' Gunju 2002, fit-8.45 p.m. rega' ssejjah il-guri sabiex il-gurati jaghmlu xi kweziti, regghu ingiebu l-ghada fid-9.00 a.m. u hargu bil-verdett taghhom fis-2.00 p.m. Bhalma qal Lord Alverstone, C.J. in re *R. v. Stoddart* (1909) 2 Cr.App.R. 217 (**Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice 2003**, para. 7-53 p. 936):

**"Probably no summing up, and certainly none that attempts to deal with the incidents as to which the evidence has extended over a period of twenty days, would fail to be open to some objection….Every summing-up must be regarded in the light of the conduct of the trial and the questions which have been raised by the counsel for the prosecution and for the defence respectively. This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice".**

Fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali l-funzjoni ta' l-Imhallef fil-guri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-guri x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta' akkuza, kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri u li jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikolari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu.

Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-principju bazilari ta' ekwita` u gustizzja li ghandu jirregola l-materja ta' l-indirizz (u, del resto, tal-process kriminali kollu kemm hu), u cioe` li l-gurati ghandhom jitpoggew fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghall-verdett b'liberta`, b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilancjat b'mod li l-gurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox illi huwa l-istess Imhallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u li ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra. Huwa utili jigi riportat hawn dak li qal Lord Hailsham, L.C. f'*R. v. Lawrence* [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (**Archbold**, *op. cit.*, para. 4-368, p. 460):

**"It has been said before but obviously requires to be said again. The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case. The search for universally applicable definitions is often productive of more obscurity than light. A direction is seldom improved and may be considerably damaged by copious recitations from the total content of a judge's notebook. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case. Of course it must include references to the burden of proof and the respective**

**roles of jury and judge. But it should also include a succinct but accurate summary of the issues of fact as to which a decision is required, a correct but concise summary of the evidence and arguments on both sides and a correct statement of the inferences which the jury are entitled to draw from their particular conclusions about the primary facts."**

Kif intqal, kull indirizz irid ikun bilancjat, u l-kaz tad-difiza ghandu jigi pprezentat b'mod adegwat. Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid:

**"Whatever mode of summing-up the judge employs he must ensure that the defence is outlined fairly. How this is done is governed by open-ended rules. The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. '[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given…' (per Goddard LCJ, *Clayton-Wright* (1948) 33 Cr App R 22 p. 29). As the New Zealand Court of Appeal stressed in *R. v. Ryan* (per Richmond J., [1973] 2 NZLR 611 at p. 615): *'Each case obviously must be judged having regard to its own particular facts. In some cases it may be sufficient for the Judge to refer in the most general terms to the issues raised by the defence, but in others it may be necessary for him not merely to point out in broad terms what the defence is but to refer to the salient facts and especially those upon which the accused based his defence. Again, an election by the Judge to embark on a discussion of the evidence and inferences therefrom which are favourable to the Crown may throw upon him the duty of making some reference to any important features of the case which militate against those inferences'.***

**The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely**

**fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury…The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence…" (pp. 178-180).**

U f'**Blackstone's Criminal Practice 2001,** para. D15.16, p.1448, naqraw:

**"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131)."**

Tajjeb ukoll li ssir referenza ghal dak li qal Simon Brown, L.J. f'*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**, p. 464 para. 4-376), u li mieghu din il-Qorti taqbel perfettament:

**"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in**

**his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence."**

Huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta' indirizz, izda, apparti li dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, l-indirizz ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat jekk setax sehh xi *"miscarriage of justice"*. Din il-Qorti ezaminat l-indirizz kollu ta' l-Imhallef sedenti fl-ewwel Qorti u certament id-diversi lmenti migjuba mill-appellant iridu jigu kkunsidrati fid-dawl tal-brani mill-awturi hawn fuq citati.

Issa, din il-Qorti tosserva li l-Imhallef li ppresjeda l-guri enfasizza sa mill-bidu nett ta' l-indirizz tieghu r-rwol tal-gurati bhala imhallfin tal-fatt[3] li fuqhom jinsab il-piz tal-gudizzju[4] u li hadu l-gurament sabiex jaghmlu l-haqq, jaghmlu s-sewwa, jaghmlu l-gustizzja[5]. Spjegalhom li jridu jwarrbu dak kollu li setghu semghu jew qraw fuq il-kaz qabel il-guri u jiddeciedu biss fuq dak li semghu u raw waqt il-guri. Spjegalhom il-principji kollha applikabbli: kif il-piz tal-prova qieghed fuq il-prosekuzzjoni, il-prezunzjoni

[3] A fol. 1 ta' l-ewwel parti tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.
[4] A fol. 2 u 4 *ibid.*
[5] A fol. 3 *ibid.*

ta' l-innocenza ta' l-akkuzat u kif dak li jghid hu dwar fatti ma jorbothomx. Ta' rilevanza huma l-brani li gejjin[6]:

"dak li qal il-prosekutur fl-argumentazzjoni tieghu, dak li qalet id-difiza fl-argumentazzjoni taghha, u dak li ser nghid jiena ghal dak li jirrigwarda fatt, daka sinjuri gurati mhux ser nghid li ma jiswa xejn …. Ma jorbotkomx - differenti - jista' jghinkom biex taslu ghal konkluzjoni, jew jista' jfixkilkom biex taslu ghal konkluzjoni giusta daka imbaghad taraw intom skond id-decizjonijiet li tiehdu …. Dak li nghid jiena minn hawn issa u ghada, fuq fatti, ma jorbotkom b'xejn. Dak li ghidt jiena waqt il-guri … xi domandi li ghamilt jiena lil xi xhud anke lill-imputat - toqoghdux tghidu imma l-imhallef taf x'kien staqsieh fuq dik hux? U l-imhallef taf kif staqsihielu dik hux? Mela bil-fors li mhux qed jemmnu tafx, ghax biex qallu hekk sinjal li - dak ma jorbotkom xejn. U kieku stess nistaqsi xi domanda jiena mhux kif staqsejtha jiena, u x'ghidt jiena jghodd - ir-risposta, dejjem, ir-risposta.

Mela nerga' naghlaq fuq din - dak li nghid jiena minn issa 'l quddiem jew diga` ghidt fuq il-fatti ma jorbotkomx. Dak li qalu l-avukati fuq il-fatti jista' jservi biex jiggwidakom halli taslu ghal konkluzjoni taghkom. Tistghu toqoghdu fuq li qalu, tistghu toqoghdu in parti fuq li qal wiehed, in parti fuq li qal l-iehor. Mhux necessarjament wiehed ghandu ragun f'kollox u l-iehor tort f'kollox. Jista' jkollhom bicca ragun f'wiehed u l-iehor bicca ragun f' - daka ser taraw issa meta mbaghad nidhlu biex nibdew niddissettaw bicca bicca dawn l-attijiet ta' l-akkuza li ghandna quddiemna."

L-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega wkoll id-diversi gradi ta' prova u kif il-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju ragjonevoli filwaqt li ghad-difiza huwa bizzejjed li tasal sal-grad tal-probabbli, u ghamel osservazzjoni fuq is-serjeta` tad-decizjoni li jridu jiehdu l-gurati[7]:

"Ghax intom ser tiddeciedu fuq id-destin ta' persuna hawnhekk jekk issibux il-htija taghha jew l-innocenza

[6] A fol. 5 u 6 *ibid.*
[7] A fol. 10 *ibid.*

taghha, allura din hija decizjoni serja li timmerita hafna hsieb u hafna konsiderazzjoni u hafna studju u li wiehed jiccekkja u jerga' jiccekkja u jerga' jiccekkja."

Meta mbaghad l-Imhallef li ppresjeda l-guri tkellem dwar in-nomina ta' esperti, qal li l-Qorti tipprova tqabbad bniedem li kemm jista' jkun fil-pajjiz ikollu l-fama u r-reputazzjoni u l-kwalifiki jekk jista' jkun li jista' jtiha xi parir fuq il-materja li dwarha l-Qorti tkun qabbditu. U ssokta[8]:

"hadd ma ghandu l-garanzija li dak li jghid [l-espert] huwa infallibbli - u allura kif qalilkom l-avukat difensur … allavolja xi haga tkun gejja minn espert … din il-prova ser tiehu forma ta' opinjoni - ser itini parir dan, tajjeb. Jekk lilna dik il-prova ma tikkonvincinix allura ghandna dritt ahna bhala l-imhallfin tal-fatt - u meta qed nghid ahna qed nghid intom ehh ghax jiena minhix l-imhallef tal-fatt hawn - li ma toqogdux fuqha. Imma bil-mod ehhe, mhux ghalkemm tghid mhux ser noqghod fuqha din jiena. Irid ikollok ragunijiet serji dettati mir-raguni li tghid isma' dan qed jghid hekk jista' jkun espert pero` lili dan li qed jghid ghalija impossibbli, per ezempju. Dan li qed jghid ghalija huwa improbabbli ghall-ahhar. Dan li qed jghid ma jaghmilx sens jew dan li qed jghid qed imeri lilu nnifsu, jew qed jitfixkel f'saqajh. Meta tghid hekk allura ghandek id-dritt tghid isma' l-Qorti qabbditu bhala espert dan imma jiena ghalija ma jikkonvincinix. Jekk inti ghandek raguni serja bizzejjed biex tiskartah, legalment tista' tiskartah. Pero` fil-kaz ta' espert it-teorija prevalenti dejjem kienet illi biex wiehed jitlaq mill-opinjoni ta' espert u jarmiha fid-dustbin irid ikun hemm raguni serja. Mhux qed nghid li impossibbli dan tafx u ha nghidilkom ikollna kollizjonijiet ahna … tqabbad espert tat-traffic …. Ma jfissirx li ghax jiena ghidt li l-kollizjoni grat tort tas-Sur Miruzzi u tort in-nofs l-iehor tort ta' Miss Pisani, l-imhallef jew magistrat ser joqghod fuqi; jista' ma jaqbilx mieghi …. Jekk tkun haga teknika hafna - per ezempju ghaliex waqa' l-crane tad-Dockyard - l-imhallef u l-magistrat … qabel ma jitlaq minn dak li qed jghidlu l-espert tal-cranijiet u jghid isma' dan qed il-hmerijiet hawn, mhux ser noqghod fuqu, irid ikollu

[8] A fol. 12 - 14 *ibid.*

raguni serja inkella ghalfejn qabbdu in the beginning. Ma jqabbdu xejn u jghaffeg wahdu l-magistrat jew l-imhallef …. Jigifieri qabel ma jwarrbu u jittraskurah fuq materja teknika u iktar ma' tkun teknika u specjalizzata iktar irid wiehed joqghod attent qabel ma jwarrab opinjoni ta' espert - mhux ma tistax twarrabha, dejjem tista' twarrabha - pero` iktar ma nidhlu fit-teknika fejnahna ma nifhmux, fejn ikollok opinjoni ta' espert qabel ma twarrabha irid ikollok ragunijiet serji. Id-difiza tatkom ragunijiet per ezempju ghaliex certi esperti ma ghandkomx toqoghdu fuqhom - issa tridu taraw dawk ir-ragunijiet li gabitilkom id-difiza jwasslukomx biex intom tiehdu l-pass daqsxejn drastiku pero` perfettament legali illi tghidu isma' dan l-espert jiena jiddispjacini jista' jkun espert jiena ghalija ma jdoqqlix mhux qed jikkonvincini. Pero` dan tridu taghmluh b'certa responsabbilta`, b'certa kawtela u b'certa prudenza ….

Jigifieri l-esperti ma jorbtukomx jekk intom ma intomx moralment konvinti minn dak li qed jghidu. Pero` biex ma tkunux konvinti mill-prova gejja mill-espert irid ikun hemm raguni serja - mhux ghax ma ghogbokx jew ma hadtx grazzja mieghu, jew ghax dam sejjer hekk nofs siegha. Dik mhux raguni. Trid tara fis-sustanza dan il-bniedem fil-kompetenza tieghu, fl-approach tieghu, fil-mod kif jopera huwiex bniedem legger, huwiex bniedem ambizzjuz li jrid jilhaq xi haga u allura jaqbad kemm jista' jkun kriminali joqghod jipprova jiddandan - ara hawn prova - u ma tkun prova xejn, ghax kultant issibhom ukoll dawn. Ikun hemm nies ambizzjuzi jridu jaghmlu karriera jghidlek jiena espert u jigi u l-kaz isolvieh f'hames minuti mbaghad joqghod igib ir-ragunijiet biex jiggustifika l-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha mbaghad issib li kellu kollox mibni fuq it-tajjar. Imma intom tridu taraw dawn l-esperti li gew hawn, gewx hawn, humiex esperti serji, humiex esperti genwini li mmeritawhom li wiehed jara x'ghamlu u kif ghamluh jew inkella humiex minn dawn li qed nghidilkom jiena, nies superficjali mhux intizi fil-materja taghhom u li ghamlu ghandhomx interess li ghamluh biex jidhru bravi. Dika issa tridu tarawha intom."

U meta kien qieghed jitkellem dwar id-distinzjoni bejn ir-rapport ipprezentat mill-Professur Hector Galea u d-dokument esibit mid-difiza li jidher li kien "an early draft" ta' dak ir-rapport, l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal ukoll[9]:

"Li jghodd huwa x'ha r-responsabbilta` tieghu bil-gurament as the finished product - the finalised product li pprezenta l-Qorti. Dak huwa zgur. Mhux jigifieri jghodd tridu toqoghdu fuqu tafx. Issa qed niddistingwu bejn x'jghodd bhala d-dokument li huwa rapport u bhala dokument semplici. Issa mbaghad jekk toqoghdux fuq ir-rapport ta' Dr. Galea dika kwistjoni ohra, imma ghall-mument ghadna qed naraw bejn dawn iz-zewg karti - li wiehed huwa rapport zgur ufficjali mahluf u l-iehor huwa dokument li xi hadd b'xi mod, b'abbuz bil-fors hadu minghand Dr. Galea …."

Meta mbaghad l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jghid fil-qosor x'kienu qalu d-diversi xhieda u jaghmel il-kummenti tieghu, diversi drabi enfasizza li l-gurati kellhom "jiccekkjaw", li ma kellhomx "joqoghdu fuqu" u li "jghid x'jghid dwar fatti ma jorbothomx"[10]. U qabel ma gabar ukoll fil-qosor dak li dehrlu kienu l-provi saljenti favur jew kontra l-appellant, qal hekk[11]:

"U ser nerga' nghidilkom li dak li nghid jiena issa ma jorbotkomx b'ebda mod - dahhluha f'raskom din - nghid x'nghid u nitfa fejn nitfa enfasi ma jorbotkomx u ma ghandux jikkondizzjonakom. U din mhux qed nghidha tongue in cheek jiena - I really mean it. Li ser nipprova naghmel huwa li nara fejn hija s-sahha ta' naha u nara fejn hija s-sahha tan-naha l-ohra halli flok ma toqoghdu taghmlu treasure hunt halli tfittxu l-provi, tmorru f'ras il-ghajn imbaghad tpogguha fil-keffa tal-mizien u mhux toqoghdu taghmlu nofs ta' nhar tfittxu l-uzin - fejn hu l-uzin, fejn hu l-uzin, fejn hu l-uzin; il-mizien qieghed hemm fejn hu l-uzin - issa mbaghad pogguh intom fuq il-mizien.

[9] A fol. 16 *ibid.*
[10] A fol. 15 sa 24 tat-tieni parti tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.
[11] A fol. 25 u 26 *ibid*.

Issa oqoghdu attenti li jiena nkun tajtkom l-uzin kollu ghax jiena m'inix infallibbli … u toqoghdux fuqi ghal dak li jirrigwarda fatti …. Intom l-imhallfin tal-fatt u intom tridu tiddeciedu.

Mela jekk jiena ser naghzel certi provi u mhux ser naghzel ohrajn, dan wahdu m'ghandux iwassalkom biex tghidu mela l-ohrajn mhux importanti jew qed jitfa' l-enfasi hemm jiena mela sinjal li hu hekk. Cara din? Mill-banda l-ohra jiena ser nipprova naghmel dak li kont naghmel jiena kieku kont niddeciedi jiena - mhux jiena ser niddeciedi mela la mhux ser niddeciedi jiena ma jghodd xejn dan hlief li jiena bil-fors marbut bil-ligi li naghmlilkom summary qasira tal-provi for and against. U finalment nghidilkom x'inhija l-posizzjoni tal-prosekuzzjoni u x'inhija l-posizzjoni tad-difiza in kwantu submissions issa, mhux bhala prova, imbghad nieqaf."

Dan kollu qieghed jinghad peress illi minnu jidher li l-ewwel Qorti kienet cara fl-ispjegazzjonijiet taghha lill-gurati dwar x'kienet il-funzjoni taghhom. Jigifieri huma tqieghdu fl-ahjar posizzjoni possibbli sabiex setghu jaqdu tali funzjoni skond il-ligi. Barra minn hekk il-kummenti ta' dik il-Qorti jridu jitqiesu li ntqalu fid-dawl ta' l-avvertimenti kontinwi li saru lill-gurati tul il-perkors ta' l-indirizz. Ghalhekk, u fid-dawl tal-brani citati aktar qabel mill-awturi Archbold, Pattenden u Blackstone, dik il-Qorti kellha kull dritt li taghmel il-kummenti li minnhom qieghed jilmenta l-appellant fil-kuntest li ghamlithom u fid-dawl tal-provi migjuba u tax-xiehda mismugha; u ghalhekk b'dawk il-kummenti ma sehhet ebda irregolarita`.

L-appellant ilmenta wkoll li l-Imhallef li ppresjeda l-guri, biex jaghmel ix-xoghol aktar facli ghall-gurati, ipprovda *transcripts* ta' partijiet mix-xiehda ta' uhud mix-xhieda, fosthom ta' Joseph Borg *iz-Zuki*. Qallhom li jekk riedu setghu jisimghu t-tapes izda ssuggerixxa li aktar jghagglu jekk jaraw il-miktub. Il-qari tax-xiehda jtellef hafna mix-xiehda li tkun inghatat *viva voce*, ma jirrilevax it-tlaqliq, it-tgemgim. Ghalhekk kien ikun ahjar kieku lill-gurati ma nghatalhom l-ebda parti mix-xiehda traskritta.

L-appellant seta' kellu ftit ragun li kieku l-gurati ma kinux semghu lix-xhieda *viva voce*. Izda huma kienu semghuhom, kellhom l-opportunita` jaghmlulhom mistoqsijiet ukoll fejn riedu u l-fatt li gew provduti xi traskrizzjonijiet ma setax zgur nessihom "it-tlaqliq" u "t-tgemgim" tax-xhieda li dwarhom inghataw tali traskrizzjonijiet. B'hekk dan l-ilment huwa ghal kollox infondat.

L-appellant jghid ukoll li fil-parti finali ta' l-indirizz kien hemm zbilanc bejn il-hin li l-Imhallef li ppresjeda l-guri uza biex spjega lill-gurati t-tezi tal-prosekuzzjoni (madwar disghin minuta) u l-hin li uza biex spjega t-tezi tad-difiza (anqas minn ghaxar minuti). Barra minn hekk ghamel resume` ta' xi provi li ghalih kienu importanti u qal esplicitament li kieku kien ser jiddeciedi hu, kien jiddeciedi a bazi ta' dawk il-provi, ghalkemm zied jghid li peress li mhux hu ser jiddeciedi allura dan ma kienx jghodd ghall-gurati. Izda mbaghad fil-parti l-kbira taghhom, il-provi identifikati waqt l-indirizz kienu provi migjuba mill-prosekuzzjoni kontra l-appellant.

Dan l-ilment huwa wiehed fieragh. Bilanc ma jfissirx li jintuza hin ugwali biex l-Imhallef li jippresjedi l-guri jispjega t-tezi tal-prosekuzzjoni u dik tad-difiza. Fi kwalunkwe kaz, mhuwiex korrett l-appellant li jirreferi biss ghall-ahhar parti ta' l-indirizz fejn l-ewwel Qorti rriferiet specifikatament ghaz-zewg linji difensjonali mressqa mill-appellant. Minn ezami ta' l-indirizz jirrizulta li l-Imhallef li ppresjeda dan il-guri indika f'diversi partijiet ta' l-indirizz x'kienet it-tezi u x'kienet id-difiza ta' l-appellant. Sahansitra rrefera ghal difiza li proprjament lanqas biss tqajment b'mod ufficjali mid-difiza - konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni fejn tista' tirrizulta l-offiza gravi segwita bil-mewt. Inoltre f'diversi partijiet ta' l-indirizz indika x'kienet qed tghid id-difiza fuq il-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni. Ghalhekk dan l-ilment huwa michud.

**(ii) <u>Interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi</u>**

L-aggravju ta' l-appellant hawn jirrigwarda l-ispjegazzjoni li tat l-ewwel Qorti dwar il-kuncett tad-delitt ta' offiza gravi segwita bil-mewt, partikolarment l-enuncjazzjoni ta' dan ir-reat fl-aktar mumenti krucjali meta, fil-kors tad-deliberazzjoni (l-aktar fazi delikata), il-gurati talbu spjegazzjoni tal-kuncett ta' l-offiza gravi segwita bil-mewt. Skond l-appellant, l-ezempju li gabet l-ewwel Qorti indubbjament ta lill-gurija x'tifhem li dan id-delitt hu wiehed li jista' jigi kommess b'certa facilita` u li m'ghandux fih innifsu s-serjeta` li fil-fatt ghandu. Skond l-appellant, l-imhallef li ppresjeda l-guri ta l-ezempju ta' kju ta' nies jistennew tal-linja u xi hadd jaqbez lil xi hadd iehor, u dan ix-xi hadd iehor jimbuttah, jaqa' jahbat rasu mal-bankina u jmut. L-imhallef argumenta li minhabba li l-argument bejn it-tnejn min-nies ma kienx daqstant serju, wiehed seta' jghid li ma kienx hemm l-intenzjoni specifika li wiehed joqtol lill-iehor. L-appellant jissottometti li bil-mod li gie spjegat dan il-kuncett, il-gurati setghu facilment inghataw l-impressjoni li fl-offiza gravi segwita bil-mewt, l-intenzjoni hi biss ta' hsara minima, li minnha qatt ma wiehed jista' jobsor li tirrizulta l-mewt. Ghalhekk jghid li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, dan id-delitt kompriz u nvolut seta' facilment jinftiehem li ma kienx applikabbli.

Din il-Qorti semghet ir-registrazzjoni tat-tape fejn l-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega lill-gurati l-kwezit li kienu ghamlu dwar id-differenza li tghaddi bejn it-tieni verdett alternattiv u t-tielet verdett alternattiv relattivament ghall-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza. Wara li spjega t-tieni verdett alternattiv (dak ta' htija taht l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza), kompla hekk:

"Jekk pero` ghall-kuntrarju m'intomx soddisfatti li minkejja li mietet, mietet mhux mewta naturali u kien responsabbli hu, jigifieri hu kien il-persuna hemm gew li gab dak li gab, pero` waqt li qed jagixxi fuqha ma kellux l-intenzjoni specifika li joqtolha jew li jpoggilha hajjitha f'periklu car, ried jaghmlilha biss offiza, bhal per ezempju jimbuttaha, ghax allura mbaghad l-offiza l-principju hu bil-latin *dolus indeterminatus determinatur ab exitu*. Xi tfisser din? Meta inti ghandek intenzjoni mhux specifika, mhux determinata, imbaghad mir-rizultat li jigri ta' l-azzjoni tieghek trid

tirrispondi. Mela jekk jien nimbuttak - ghandna xi nghidu, qed nistennew fuq il-bus tal-linja u int qbiztni fil-kju qbadna nargumentaw, kelma 'l hawn kelma 'l hemm, gejna fl-idejn, imbuttajtek jien, int waqajt hbatt nasek mal-bankina per ezempju u mitt. Jien meta mbuttajtek waqt dan l-argument li kelna kelli l-intenzjoni li noqtlok jew li npoggilek hajtek f'periklu car? Tista' tghidli le ghax ma kienx daqshekk serju l-argument illi ghax qabzu fil-*bus queue* joqtol bniedem. Pero` mbaghad jekk imbotta u kawza ta' dik l-imbottatura waqa' u qasam rasu u miet tal-kolp u m'hemmx l-intenzjoni li joqtlu jew li jpoggilu hajtu f'periklu car allura tapplika din-number 3 [tielet verdett alternattiv taht l-ewwel kap]. Issa naturalment jien tajtkom ezempju estrem hawn ta' wiehed qabad argument fuq hmerija imbuttah u waqa' u habat rasu u miet. Hemm irid jirrispondi li ghamillu offiza gravi segwita bil-mewt ghax ma kellux l-iskop li joqtlu jew li jpoggilu hajtu f'periklu car meta mbuttah. Issa araw ic-cirkostanzi hawn f'dan il-kaz humiex l-istess, hijiex kwistjoni biss ta' imbuttatura jew jekk hemmx xi affarijiet ohra biex taraw l-intenzjoni x'setghet kienet u ma kinitx. U qalulkom it-tobba x'sabu u x'feriti ohra sabu barra l-feriti tar-ras partikolarment ma' l-ghonq u taraw kif jikkombacjaw dawn ic-cirkostanzi ma' dak li kien qed jigri ghal dak illi gara. Jekk intom m'intomx soddisfatti li ghamel x'ghamel - dejjem jekk se taslu li kien l-akkuzat ghax l-ewwel ma tridu tiddeciedu hemm: hu kien jew mhux hu kien ghax jekk ma kienx hu toqoghdux tinhlew fuq dawn l-affarijiet, aqbdu u lliberaw mill-ewwel. Imma jekk taslu biex tahsbu li seta' kien hu u konvinti moralment minghajr dubbju ragjonevoli li kien hu u allura issa dhaltu fuq il-kwistjoni kienx *murder* bl-intenzjoni specifika li joqtol jew inkella li jpoggilha hajjitha fil-periklu car, dak mic-cirkostanzi tridu tiddeciduh issa u tridu tafu x'hemm provi mhux se nerga' nghidilkom il-provi jien. Hemm xi dikjarazzjonijiet li saru ma' dawk it-tliet persuni jew ma' tnejn minnhom, x'jigri jekk per ezempju taghrfu ma taghrfux x'ikollu jaghmel. Araw il-feriti l-ohra li hemm fuq il-gisem kinitx kwistjoni ta' imbuttatura semplici din jew inkella kien hemm attakk vjolenti intiz biex johloq certa periklu. Qaltilkom id-dottoressa illi bil-fatt innifsu li wiehed jibda jistrangola hawn jibda jnaqqas id-demm il-flow ghall-mohh, jibda jnaqqas ir-rata tal-qalb u johloq

komplikazzjoni ghall-qalb. Qed nitkellmu fuq anzjana ta' 82 sena allura intom tridu taraw mic-cirkostanzi kollha huwiex aktar vicin il-kaz li semmejtilkom ta' bniedem imbotta wiehed fuq l-istage ghax kellu xi jghid mieghu u dan waqa' u habat rasu jew inkella xi haga aktar differenti ghal kollox. Nispera li fehmniha din. Mela d-differenza bejn it-2 u t-3 hija jekk intom jirrizultalkomx ghall-konvinciment morali taghkom jekk dak li kien qed isir kien qed isir biex tinqatel din il-persuna jew biex titpoggilha hajjitha f'periklu car. Jekk intom soddisfatti minn dan minghajr dubbju ragjonevoli tridu taghzlu t-2. Jekk m'intomx soddisfatti tghidu imma jista' jkun li kumbinazzjoni gara li gara ma riedx joqtolha ried isawwatha ried jistordiha ried li toqghod bi kwietha biex ma tghajjatx imbaghad gara li gara, allura f'dak il-kaz tapplika t-3 - dejjem jekk tkunu soddisfatti li kien hu ghax naturalment jekk ma kienx hu ma kienx hu allura tapplika l-1."

Issa apparti li m'hemmx spropoziti legali f'dak li qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri fir-rigward tal-kuncett tad-delitt ta' offiza gravi segwita bil-mewt, mill-istess indirizz jirrizulta li d-difiza lanqas biss kienet ressqet din il-possibilita` bhala difiza u ghamlet biss referenza parsimonjuza ghaliha. Fl-indirizz fil-fatt l-ewwel Qorti spjegat fil-qosor l-imsemmi delitt wara li qalet hekk f'dar-rigward[12]:

"U nahseb illi tajjeb f'dan l-istadju … insemmi haga illi d-difiza donna accennat ghaliha l-bierah - illum nahseb li ma semmietha xejn - il-possibilita` li xi hadd iwegga' serjament lil xi hadd minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jpoggilu hajtu f'perikolu car. F'xi hin Dr. Sciriha resaq lejha din, semmiha b'mod mhux daqshekk preciz, imma semmiha bizzejjed biex lili tefaghli fuqi l-piz illi nindirizzakom fuqha - ghax jiena obbligat li kull linja ta' difiza li tohrog biha d-difiza insemmihielkom u nispjegahielkom, u allura jiena ma rrid inhalli xejn barra. U qed naghtih il-beneficcju li din ried itiha bhala xi difiza

[12] A fol. 36 u 37 *ibid.*

sussidjarja. Anke jekk mhux hekk, inhoss li jkun gust li nispjegahielkom biex intom tkunu tafu x'inhija din."

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghaldaqstant dan l-aggravju huwa wiehed fieragh.

**L-appellant gie misjub hati hazin fuq il-fatti**

Din il-Qorti issa ser tghaddi biex tikkunsidra l-aggravju ta' l-appellant li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti, liema aggravju jincidi fuq it-talbiet maghmula mid-difiza fir-rigward tan-nuqqasijiet li ghalihom din il-Qorti diga` ghamlet referenza.

L-appellant jghid li l-prosekuzzjoni ma gabet lanqas prova wahda diretta li tista', b'xi mod, tistabbilixxi li huwa kien fir-residenza tal-vittma Rosaria Schembri fil-hin li giet maqtula, kif ma gabet lanqas prova wahda - diretta jew indiretta - li kien hu li qatilha. Kwantu ghat-tieni kap ta' l-att ta' akkuza mbaghad, jghid li l-prosekuzzjoni ma gabet lanqas l-icken prova diretta jew indiretta mhux biss li huwa seraq xi haga minn god-dar tal-vittma, izda lanqas li minn god-dar taghha kien insteraq xi haga; difatti fil-kamra fejn instabet mejta Rosaria Schembri nstabu flus u gojjellerija li kienu facilment accessibbli. L-appellant isostni li l-kaz kollu tal-prosekuzzjoni kien ghalhekk ibbazat fuq provi indizjarji u kongetturi u li l-provi indizjarji qarrqu u tefghu travers. Skond l-appellant, il-prosekuzzjoni pprezentat zewg binarji ta' provi indiretti: (1) ix-xiehda ta' Joseph Borg, David Schembri u Winston Gera, u (2) il-konstatazzjonijiet ta' l-esperti Mario Scerri, Martin Bajada u Hector Galea.

Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi, u kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda

taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[13].

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u li jaraw jekk jaghtux affidament lic-cahda konsistenti ta' l-appellant li huwa kien b'xi mod involut fir-reati addebitati lilu jew lid-diversi provi indizjarji li tressqu mill-prosekuzzjoni. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament lill-verzjoni ta' l-akkuzat u li setghu joqoghdu fuq il-provi, ankorke` indizzjarji, tal-prosekuzzjoni.

Din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda, l-istqarrijiet ta' l-appellant u d-dokumenti l-ohra esibiti, u hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet. M'hemmx dubbju li s-sottomissjonijiet li ghamel l-appellant huma ta' sustanza u ghandhom valur argumentattiv qawwi. F'dan il-kaz il-punti krucjali huma jekk il-provi tal-prosekuzzjoni kinux sufficjenti biex iwasslu ghas-sejbien ta' htija ta' l-appellant u jekk in-nuqqasijiet sottolineati aktar 'il fuq f'din is-sentenza humiex tali li jistghu

---

[13] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

jeffettwaw id-decizjoni tal-gurati. Il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti huma dawn li gejjin:

1. Bhala fatt jirrizulta li fl-4 ta' Gunju 1998 instabet mejta gewwa darha f'numru 10, Triq Mons. Dandria, Msida, Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri. Kienet ilha mejta madwar 24 siegha[14]. Mill-awtopsja rrizulta li l-kawza tal-mewt kienet *"manual strangulation and blunt force trauma to the head"* [15].

2. L-appellant dejjem innega l-involviment tieghu izda l-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konjizzjoni taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara konfronti bejn l-appellant u xi xhieda tal-prosekuzzjoni, wara li l-gurati kellhom l-opportunita` li huma stess jaghmlu mistoqsijiet lix-xhieda u li jqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, ikkonkludew li l-appellant huwa hati taz-zewg kapi ta' l-att ta' akkuza.

3. Il-prosekuzzjoni tidher li bniet il-kaz taghha fuq l-evidenza xjentifika provduta mill-esperti, fuq dak li l-appellant qal jew seta' qal kemm qabel kif ukoll wara r-reati in kwistjoni u fuq il-familjarita` li kellu mal-vittma. L-ahhar aspett mhuwiex kontestat mill-appellant li fix-xiehda tieghu spjega f'hiex kienet tikkonsisti din ir-relazzjoni. Skond l-appellant, pero`, il-binarji l-ohra tant joholqu dubbji li dikjarazzjoni ta' htija f'dan il-kaz tirrizulta f'*"an unsafe and unsatisfactory judgement"*.

4. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jattakka l-ewwelnett il-kredibbilita` tax-xhieda Joseph Borg, David

[14] Ara rapport ta' Dr. Mario Scerri a fol. 610 sa 655 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni u a fol. 172 sa 216 ta' l-atti tal-Qorti Kriminali.
[15] Ara rapport ta' Dr. Bridget Ellul u Dr. Andrew L. Falzon a fol. 746 sa 753 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni u fol. 217 sa 224 ta' l-atti tal-Qorti Kriminali.

Schembri u Winston Gera. Huwa jikkummenta hekk dwarhom:

"**<u>Joseph Borg</u>**

Fl-umli fehma ta' l-esponent u b'kull rispett lejn l-istess Joseph Borg, l-esponent jirrileva li Joseph Borg huwa ezempju klassiku ta' xhud mhux kredibbli. F'dan l-istadju l-esponent mhux ser joqghod jidhol fil-passat kriminali tax-xhud u fil-fatt li x-xhud kien jghix fid-dar ta' l-esponent u li l-esponent kien keccieh minn hemm ftit xhur qabel ma gara l-kaz. Hija sinjifikanti pero` dikjarazzjoni inekwivoka u solenni ta' Joseph Borg li waqt il-guri, fuq il-pedana tax-xhieda, jghid li gieli jbiddel id-diskors u li jigdeb anke bil-gurament. Mela Borg jaghti certifikat ta' non-kredibbilita` lilu nnifsu. In-nuqqas ta' kredibbilita` ta' dan ix-xhud tohrog ukoll mis-sensiela twila ta' kontradizzjonijiet fix-xiehda tieghu, fosthom li f'nifs jghid li jibza' jisraq u f'nifs iehor jghid li meta kien izghar kien il-pjacir tieghu jisraq!

F'dan il-kuntest huwa importanti li jigi rilevat li dan Borg kien fil-fatt wiehed mill-issuspettati tal-Pulizija. Huwa kien gie arrestat diversi drabi in konnessjoni mad-delitt ta' Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri u rrilaxxja minn ta' lanqas zewg stqarrijiet lill-Pulizija. Fl-ewwel stqarrija cahad li huwa kien jaf xi haga dwar il-kaz, u fit-tieni stqarrija, wara erbghin (40) siegha ta' arrest huwa semma' isem l-esponent. Sinjifikanti hafna f'dan il-kuntest hija x-xiehda tal-Kummissarju John Rizzo li jghid li wara konfront bejn Joseph Borg u l-esponent, Joseph Borg qal lill-esponent: *'mhux sew nehel jien b'dawn l-affarijiet'*. Il-mistoqsija tqum wahedha: ta' x'hiex kien ser jehel Joseph Borg? Ghaliex wara erbghin siegha ta' arrest u b'theddida espressa jew tacita (ma nafux) li kien ser jehel hu (prezumibbilment ta' l-omicidju ta' Lucy Schembri), Joseph Borg ghazel li jghid li l-esponent kien qallu xi diskors dwar serqa minghand mara xiha?

In ogni modo, kredibbilita` ta' dan ix-xhud apparti, xi prova taghmel ix-xiehda ta' Joseph Borg? Dan Joseph Borg xehed li tliet xhur jew aktar qabel il-kaz, l-esponent kien qallu li kien hemm xi *teacher* toqghod wahedha l-Imsida li

huwa (l-esponent) xtaq jisraqha. Borg jghid ukoll li l-esponent kien talbu biex imur mieghu ghax jekk taghrfu jkollu joqtolha. Din hija l-prova li jaghti Joseph Borg. L-esponent umilment jissottometti li anke jekk wiehed jinjora l-kontradizzjonijiet kontinwi u n-nuqqas ta' kredibbilita` ta' dan ix-xhud, u jemmnu a dirittura f'kollox, in pessima ipotesi l-prova hija biss li l-esponent qallu dak id-diskors u certament mhux li l-esponent kien il-persuna li wettaq id-delitti addebitati lilu!

**David Schembri**

Dan David Schembri kien it-tieni mit-tliet elementi li jikkostiwtixxu l-ewwel binarju tat-tezi tal-prosekuzzjoni. Xi prova taghmel ix-xiehda ta' David Schembri? Dan ix-xhud jghid li huwa kien kreditur ta' l-esponent ghall-ammont ta' xi mitt lira Maltija (Lm100). Jghid ukoll li xi jiem qabel ma gara l-kaz ta' Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri, l-esponent kien qallu li kien sejjer jaghmel serqa minn go villa. Xi jiem wara, dan David Schembri mar ghand l-esponent biex jigbor il-Lm100 dovuti lilu, u filwaqt li l-esponent tah Lm39 biss, dejjem skond Schembri l-esponent qallu li s-serqa kien ghamilha, li kien mar tajjeb, u li kien sab ukoll id-deheb minbarra l-flus. Issa wiehed umilment jistaqsi: ghandu mis-sewwa li debitur jghid lill-kreditur tieghu li ghamel serqa u mar tajjeb, u fl-istess hin minn Lm100 dejn jaghtih biss Lm39, u l-kreditur ma joggezzjonax?

Imma l-istess bhal fil-kaz ta' Joseph Borg, jekk ghas-sahha ta' l-argument wiehed jemmen sahansitra *in toto* dak li qal David Schembri, il-prova sa fejn twassal? Il-prova sservi biss u unikament li l-esponent qal lil Schembri li ried jaghmel serqa minn go villa, li fil-fatt ghamel din is-serqa minn go villa, u li mar tajjeb. Sa hemm biss twassal il-prova, u cioe` li seta' allegatament sar dan id-diskors, u dan dejjem jekk wiehed jemmen lil David Schembri (u kif ser jigi umilment rilevat aktar 'l isfel, ix-xiehda ta' dan David Schembri hija wkoll ferm dubjuza). Issa huwa pacifikament ippruvat li Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri kienet toqghod go dar ckejkna b'zewgt ikmamart, altru milli go villa!

**<u>Winston Gera</u>**

Winston Gera huwa t-tielet u l-ahhar element ta' l-ewwel binarju tat-tezi tal-prosekuzzjoni. Xi prova taghmel ix-xiehda ta' Winston Gera? Dan ix-xhud jghid li xi tliet (3) xhur qabel ma nstabet mejta Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri, huwa kien ghand l-esponent u l-esponent qallu testwalment: *"kemm nixtieq naghmel wahda tajba"*. Skond Gera, l-esponent kien qallu wkoll li jaf anzjana mill-Imsida li kellha hafna flus u li ma jasalx biex jisraqha peress li kienet tafu. Fl-umli fehma ta' l-esponent, din ix-xiehda certament ma tikkostitwixxix prova li l-esponent wettaq id-delitti li gie akkuzat bihom! Interessanti pero` huwa x'xehed Winston Gera dwar x'gara waqt l-interrogazzjoni tieghu fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Gera xehed hekk, <u>*verbatim*</u>: *"il-Pulizija <u>qaluli proprja mhux staqsewni</u>. Qalli speci Mario Pollacco tkellimtu hekk u hekk; u jien kelli nghid iva jigifieri"*.

- F'dan l-istadju l-esponent jirrikjama l-incident ferm sinjifikanti li jitfa' dubbji serji dwar il-veracita` u l-genwinita` tax-xiehda ta' dawn it-tliet guvintur, u li ironikament jghaqqad ix-xiehda taghhom f'tentattiv biex l-istorja li huma rrakkuntaw lill-Pulizija tkun kemm jista' jkun uniformi. Id-difiza ta' l-esponent kellha nformazzjoni li go bar partikolari f'Paceville, lejliet li gie arrestat l-esponent, sehhet laqgha suspettuza bejn tliet guvintur. Fl-umli fehma ta' l-esponent, dawn it-tliet guvintur kienu David Scembri, Winston Gera u probabbilment Joseph Borg. Ghalhekk, matul ix-xiehda taghhom bil-gurament waqt il-guri, id-difiza ta' l-esponent staqsiethom domandi diretti (permissibbli in kotnro-ezami) dwar dan l-inkontru, biex primarjament tistabbilixxi jekk kinux huma jew le, u huma wiegbu kif segwenti:

- <u>Joseph Borg</u> l-ewwel jghid li dakinhar li sehh dan l-allegat inkontru huwa kien id-dar. Mistoqsi direttament mid-difiza jekk kienx Paceville go bar, iwiegeb li ma jafx, u mistoqsi direttament jekk iltaqax ma' David Schembri u Winston Gera f'dan il-bar, Borg iwiegeb: *"le,*

*ma nghidx"*. Tliet risposti differenti f'temp ta' tletin sekonda!;

- David Schembri jghid li ma jiftakarx li ltaqa' ma' Joseph Borg u Winston Gera go bar f'Paceville; u

- Winston Gera, min-nahat tieghu jistqarr li huwa ltaqa' ma' David Schembri u 'persuna ohra' go bar Paceville, pero` jishaq li dan l-inkontru sehh wara li gabruh il-Pulizija. Meta d-difiza ta' l-esponent qratlu mix-xiehda li huwa kien ta bil-gurament quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati waqt il-kumpilazzjoni, fejn huwa kien qal li ltaqa' ma' David Schembri u persuna ohra go bar Paceville qabel ma gie arrestat, Winston Gera beda jlaqlaq, baxxa lehnu, u wiegeb: *'m'inhix cert mela'*. Mistoqsi mill-istess difiza ta' l-esponent min kienet il-'persuna l-ohra' li kien hemm ma' David Schembri, Winston Gera ghall-ewwel ma jitkellimx, imbaghad ibaxxi lehnu, u wara afna tlaqliq u tgedwid ta' kliem li ma jinftiehemx car fuq it-tape, jghid *verbatim*: *'ma nafx, le mhux ma nafx, ma nafx'*. U fuq il-'ma nafx' Gera ma jizvelax min kienet din it-tielet persuna li ltaqghet mieghu u ma' David Schembri f'din il-laqgha ferm misterjuza go bar f'Paceville.

- Mela mix-xiehda ta' dawn it-tlieta huwa stabbilit li nhar-il Gimgha 5 ta' Gunju 1998 sehh inkontru go bar f'Paceville bejn David Schembri, Winston Gera u 'persuna ohra' - li wiehed jista' biss jissuspetta min hi - u b'koincidenza kbira l-ghada ta' dan l-inkontru misterjuz l-esponent gie arrestat u dawn it-tlieta gew intervistati/interrogati mill-Pulizija! X'inhema f'din il-laqgha wiehed jista' biss jissuspetta, pero` bhala fatt il-prosekuzzjoni bniet parti sostanzjali hafna mit-tezi taghha fuq ix-xiehda taghhom.

Biex wiehed jirrikapitola, dan l-ewwel binarju ta' provi indizzjarji tal-prosekuzzjoni ma jwassal ghal ebda prova kontra l-esponent, ghaliex la x-xiehda ta' Joseph Borg, David Schembri u Winston Gera individwalment u lanqas dik tat-tlieta f'daqqa ma tikkostitwixxi l-icken prova li nhar-il Erbgha 3 ta' Gunju1998 l-esponent dahal fil-fond ta'

Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri u qatilha u seraqha. U dana dejjem jekk wiehed jemmen perfettament lil dawn it-tliet xhieda, ghax ic-cirkostanzi kollha juru li x-xiehda ta' dawn it-tlieta ma tantx hi ta' min joqghod fuqha."

5. Fil-fehma ta' din il-Qorti, wara li ezaminat ix-xiehda moghtija minn Joseph Borg, David Schembri u Winston Gera, il-gurati setghu jemmnu lil dawn it-tliet xhieda daqs kemm setghu ma jemmnuhomx.

- Joseph Borg xehed li kien hu li telaq mir-residenza ta' l-appellant u li ma kienx l-appellant li baghtu. Jidher li kien lest jitkellem dwar il-passat xejn ezemplari tieghu u sahansitra ammetta li gieli gideb, anke taht gurament. Pero` dan ifisser li m'ghandu jitwemmen qatt f'dak li huwa jghid? Il-gurati kellhom xi raguni biex ma jemmnux li Joseph Borg kien qieghed jaghmel l-almu tieghu biex jitbieghed mill-attivita` kriminali? Kellhom bil-fors jiskartaw, kif jippretendi l-appellant, l-insistenza konsistenti tieghu li kien qieghed jghid il-verita` dwar il-kaz in kwistjoni? M'ghandux mill-verosimili dak li qal Joseph Borg li meta gie arrestat it-tieni darba ftit sieghat wara r-rilaxx tieghu huwa ddecieda li jghid il-verita` ghax minn dak li kienu qeghdin jirrinfaccjawh bih l-investigaturi dehru li kienu jafu kollox diga`?

- David Schembri kien kreditur ta' l-appellant fl-ammont ta' xi Lm120. Huwa xehed li l-appellant kien qallu li se jhallsu wara li jisraq minn go villa. B'referenza ghall-gurnata meta nqatlet Rosaria Schembri, David Schembri jghid li dakinhar kellem lill-appellant li qallu li ser imur jisraq ghall-habta tas-1.00 p.m. ta' l-istess gurnata u li aktar tard wara nofs in-nhar l-istess appellant kien qallu li kollox kien mar sew u li kien heba l-flus go post li qieghed jinbena. Meta mar ghand l-appellant sabiex jithallas, dan tah biss Lm39. L-appellant isaqsi jekk ghandux mis-sewwa li debitur jghid lill-kreditur tieghu li ghamel serqa u mar tajjeb u fl-istess hin jaghtih parti biss minn dak dovut u l-kreditur ma joggezzjonax. *A contrario sensu* m'ghandux mill-verosimili li halliel jahbi dak li jkun seraq sabiex ikun jista' jmur ghalih meta jkunu kkwitaw l-

affarijiet? U jekk kreditur jigi offrut parti biss minn dak dovut lilu, mhuwiex aktar ghaqli li jaccetta dik il-parti u jistenna ftit iehor ghall-bilanc? Il-gurati setghu jikkuntrastaw ix-xiehda ta' David Schembri ma' dik ta' l-appellant stess li qal li kien David Schembri li kien issuggerielu li jisraq minn villa u li qatt ma qal lil David Schembri li kien fil-fatt ghamel serqa u li kien seraq ammont ta' flus u deheb. Dan kollu qed jinghad fis-sens li dak li qal dan ix-xhud Schembri seta' jittiehed mill-gurati biex jikkorrobora provi ohra li kienu jpoggu lill-appellant gewwa l-fond tal-mejta u bhala aggressur - jew wiehed mill-aggressuri - taghha, u mhux necessarjament bhala prova li l-appellant effettivament seraq, jew kemm seraq, kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

- Winston Gera xehed li l-appellant kellu problemi finanzjarji u wrieh ix-xewqa li jrid jaghmel serqa biex igib il-flus, li ried jaghmel wahda tajba. Dan ix-xhud qal ukoll li l-appellant kien qallu li kien hemm mara li jmur jixtrilha u li kellha hafna flus izda li ma jasalx biex jisraqha ghax kienet tafu. Dan id-diskors sar bejn xahar u xahar u gimgha qabel ir-reati in kwistjoni. L-appellant jipprova jimplika li dan ix-xhud m'ghandux jitwemmen minhabba dak li, skond hu, gara waqt l-interrogazzjoni u jiccita bran qasir minn dak li xehed Winston Gera: *"il-Pulizija qaluli proprja mhux staqsewni. Qalli speci Mario Pollacco tkellimtu hekk u hekk; u jien kelli nghid iva jigifieri"*. Hawn l-appellant qieghed jipprova jizgwida lill-Qorti peress illi ccita biss parti zghira minn dak li qal Winston Gera dwar l-interrogazzjoni. Il-bran relevanti shih li sejjer jigi citat juri, ghall-kuntrarju, li l-investigaturi ma kkommettew l-ebda skorrettezza[16]:

*"Pros: Saqsewk xi haga l-pulizija?*
*Xhud: Saqsewni, qaluli proprja, mhux saqsewni, qaluli eh, kif taqbad tghid, qalli speci li Mario Pollacco tkellimtu hekk u hekk fhimt?*
*Pros: Eh.*
*Xhud: U jien kelli nghid iva jigifieri, jien nghid iva fhimt?*
*Pros: Eh.*

16 Xiehda traskritta Tape 11 Side A p. 11.

*Xhud: Jigifieri ….*
*Qorti: … hu qallek imma inti meta ghidt iva ghax qalu l-pulizija jew ghax dik hija l-verita`?*
*Xhud: Le le ghax verita`.*
*Qorti: Il-verita` hi.*
*Xhud: Ija pero`*
*Qorti: Qalulek il-pulizija x'suppost ghadda bejnietkom imma inti ghidt hekk mhux ghax qalulek il-pulizija biex tghid hekk*
*Xhud: Le le le ezatt*
*Qorti: Issa*
*Xhud: Imma qaluhieli huma jigifieri*
*Qorti: Kienu jafu huma x'intqal bejnietkom*
*Xhud: ezatt*
*Qorti: Mhux ghax mort toffrilhom l-informazzjoni inti*
*Xhud: Ezatt qaluli qabel*
*Qorti: Imbaghad meta tawk, urewk x'jafu, int ghidtilhom iva hekk kien*
*Xhud: Ezatt*
*Qorti: Fil-fatt veru hekk kien imma?*
*Xhud: Iwa, iwa*
*Qorti: Dan id-diskors qalulek Mario Pollacco?*
*Xhud: Iwa*
*Qorti: Zgur minnu dan hux?*
*Xhud: Iva*
*Qorti: Mija fil-mija zgur?*
*Xhud: Ija."*

L-appellant jipprova jattakka l-kredibbilita` ta' dawn it-tliet xhieda ukoll billi jirreferi ghal xi inkontru li allegatament sar gewwa bar f'Paceville lejlet l-arrest ta' l-appellant u ghat-twegibiet differenti li huma taw dwar dan l-allegat inkontru. Fir-rigward ta' Joe Borg, it-twegibiet li ta kienu xi ftit differenti izda fl-ahhar mill-ahhar baqa' jichad li ppartecipa f'inkontru bhal dak allegat mill-appellant. Fir-rigward ta' Winston Gera, ghalkemm l-appellant jghid li dan ammetta li kien iltaqa' ma' David Schembri qabel ma gabruh il-pulizija meta rinfaccjat mid-difiza bix-xiehda li kien ta waqt il-kumpilazzjoni, jirrizulta li meta kien qieghed jixhed

quddiem il-Qorti Kriminali fl-istadju ta' l-ezami kien diga` ndika li ltaqghu qabel. Il-bran relattiv huwa s-segwenti[17]:

*"Pros: Eh? Inti li qed tghid cert li wara l-kaz iltqajt ma' David Schembri.*
*Xhud: Ee naf li wara l-kaz pero` ma nafx jekk hux qabel jew wara jigifieri li interrogawni l-Pulizija.*
*Pros: Sewwa.*
*Xhud: Ie nahseb qabel, nahseb.*
*Pros: Qabel ma gabruk il-Pulizija.*
*Xhud: Ija.*
*Pros: U ltqajt ma' David Schembri qed tghid Paceville.*
*Xhud: Ehe."*

Fil-verita` kull ma jaghmel l-appellant hu li jippekka b'dak li jixli lill-prosekuzzjoni bih, cioe` li dak kollu li jargumenta dwar dak li seta' sehh waqt dan l-inkontru ma hu xejn hlief "kongettura".

6. L-appellant jattakka l-attendibilita` tar-rizultanzi ta' l-esperti. Din il-Qorti sejra tikkunsidrahom *seriatim* kif esposti fir-rikors ta' appell:

<u>(A)</u> "**<u>Dr. Mario Scerri</u>**

It-Tabib Mario Scerri kien gie nominat bhala espert mediku mill-Magistrat inkwerenti biex, *inter alia*, jezamina forensikament kadavru li nstab gewwa l-fond numru 10 fi Triq Monsinjur Dandria, l-Imsida (aktar tard stabbilit li kien ta' Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri), u biex jezamina lill-esponent Mario Pollacco li kien detenut fil-kwartieri generali tal-Pulizija.

Dr. Mario Scerri jixhed li l-esponent mill-ewwel ta l-kunsens verbali tieghu biex ix-xhud jezaminah medikolegalment. Meta ezaminah, Dr. Scerri ma sab xejn specjali (biex wiehed jikkwota kliemu stess), ghajr xi grif (abrazjonijiet) fuq il-parti nferjuri tan-naha ta' isfel tal-forearm il-leminija. Dr. Scerri ma ra xejn partikolari f'dawn

[17] Xiehda traskritta Tape 11 Side A p. 13.

il-grif, izda gieh suspett meta huwa staqsa lill-esponent biex kienu gew maghmulin dawk il-grif, u l-esponent wiegbu li kienet ghamlithomlu l-kelba madwar tliet gimghat qabel. Kienet din ir-risposta li qajmet suspett f'Dr. Scerri, ghax kif jghid huwa stess: *"Jiena f'ghajnejja dawk il-lesions they were fresh lesions with a dry scab, not separated, ma ghandhiex tinging kompatibbli ma' injuries illi saru bejn wiehed u iehor erbat ijiem qabel, mhux definitely qabel tliet gimghat"*. Kien f'dan l-istadju li l-istess Dr. Scerri rrakkommanda lill-Qorti (permezz tas-Supretendent Bertu Mula) biex jinhatru l-Professur Hector Galea u Martin Bajada biex jaghmlu xi *scans* fuq il-griehi.

Dwar id-domanda li saret lill-esponent dwar il-kagun ta' dawk il-griehi, ghandu jigi rilevat punt ferm kurjuz. Meta kien qed jixhed fil-kumpilazzjoni fl-24 ta' Gunju 1998, Dr. Mario Scerri xehed, *verbatim*: *"Issa meta rajt dawk l-ezamijiet, l-abrazjonijiet fuq in-naha anterjuri tal-forearm jiena staqsejtu dawk x'inhuma u huwa qalli li kienu gdim tal-kelb maghmulin madwar tliet gimghat ilu"* (a fol. 122 tal-process). Ghal xi raguni misterjuza, izda, fir-relazzjoni li Dr. Mario Scerri ipprezenta lill-istess Qorti gimaghtejn wara – fis-6 ta' Lulju 1998 – huwa espona hekk: *"Illi meta ra lill-esponent jezaminalu l-abrazjonijiet fuq l-id, Pollacco minn rajh u minghajr ma staqsieh l-esponent qallu li dawk kienu grif tal-kelb maghmulin tliet xhur ilu"* (relazzjoni fol. 40). Din l-inkonsistenza massiva certament jisthoqqilha kumment, ghaliex tixhet dawl fuq is-sistema ta' l-esperti taghna fil-process penali. B'kull rispet lejn Dr. Mario Scerri u lejn l-esperti l-ohra kollha, wasal iz-zmien li espert verament jifhem illi hu mhuwiex espert tal-prosekuzzjoni sabiex l-istess prosekuzzjoni jkollha bazi fuq xiex tipprosekwixxi, izda huwa espert tal-Qorti bi dmir li jkun imparzjali u jaqdi dmiru fedelment. L-esponent umilment jistaqsi: huwa semplicement zball li fi zmien gimaghtejn, Dr. Scerri ikun impreciz dwar zewg fatti importantissimi? L-esponent Pollacco minn jeddu qal x'kien il-kagun tal-griehi, jew qal ghax staqsieh Dr. Scerri? L-esponent Pollacco tliet xhur qallu li kienu ilhom hemm il-grif jew tliet gimghat?"

Diskrepanzi bhal dawn sollevati mill-appellant jistghu jitfghu dell fuq l-attenzjoni li biha espert ikun qieghd jaqdi r-rwol tieghu u ghalhekk jistghu jwasslu ghal dubbji dwar il-konkluzjonijiet tieghu. Fir-rigward tad-data meta allegatament graw l-imsemmijin feriti hemm diskrepanza wkoll bejn dak li xehdu zewg ufficjali tal-Korp tal-Pulizija. Is-Supretendent Paul deBattista xehed waqt il-kumpilazzjoni fl-24 ta' Gunju 1998 li meta kienu qeghdin jinterrogaw lill-apepllant *"irrizulta li dan kellu xi grif u daqqiet fuq wahda minn idejh. Meta saqsejnieh minn fejn gew dan il-grif, dana qalilna li kienu antiki, ta' tliet gimghat qabel u li kienu maghmulin mill-kelba tieghu illi kif qalilna hu toqghod tgiddem f'idu."*[18] L-Ispettur Noel Cutajar xehed fl-1 ta' Lulju 1998 waqt il-kumpilazzjoni u qal li waqt li kien qieghed jitkellem ma' l-appellant fis-6 ta' Gunju 1998 meta gie arrestat, induna li kellu xi griehi fuq idu u staqsieh kif kienu sarulu *"u qalli li kienu gew maghmula mill-kelba tieghu waqt li jkun qieghed jilghab maghha. Pero` qalli li kienu xhur ilu, ta' l-ewwel darba li kien tkellem. Fil-fatt ghidtlu li dawk il-feriti li kellu ma kinux ta' xhur ilu pero` kienu qeghdin friski. Fil-fatt qalli li dawk il-kelba dejjem tolqothomlu u dejjem jinfethu … mort ninforma lis-Supt. Mula."*[19]

Fix-xiehda li ta Dr. Scerri waqt il-guri, huwa kkonferma dak li kiteb fir-relazzjoni tieghu, u cioe` li l-appellant kien qallu minn rajh li kien gidmu l-kelb xi tliet xhur qabel u inoltre qal li dan nizzlu fil-*contemporaneous notes* li huwa kiteb dak il-hin stess[20]. Jirrizulta wkoll li d-difiza ma kkonfrontatx lil dan l-espert b'dak li kien qal waqt l-istruttorja fl-24 ta' Gunju 1998.

Fi kwalunkwe kaz, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument l-appellant kien semma' tliet gimghat, Dr. Scerri kien dejjem konsistenti fil-konkluzjoni tieghu li l-feriti li kellu l-appellant ma setghux kienu ilhom hemm aktar minn tlieta jew erbat ijiem.

---

[18] Atti tal-kumpilazzjoni a fol. 143.
[19] Atti tal-Kumpilazzjoni a fol. 399.
[20] Ara xiehda traskritta ta' Dre. Mario Scerri Tape 13 side A p. 9 u Tape 14 side A p. 1 sa 2.

L-appellant ikompli jghid hekk imbaghad fir-rigward ta' Dr. Mario Scerri:

"B'kull rispett, l-esponent umilment jissottometti li 'zbalji' bhal dawn huma kurjuzi. U f'dan ir-rigward l-esponent jixtieq jigbed l-attenzjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghal fatt iehor ferm kurjuz. Waqt l-awtopsja li saret fuq il-kadavru ta' Rosaria sive Rose mary sive Lucy Schembri, gie elevat 'cellular debris' minn taht xi dwiefer minn taghha, li probabbilment kien ta' l-aggressur taghha, wara li hi allegatament iggranfatu u girfitu. Ghal xi raguni, ma sarx DNA test fuq dan il-laham uman. Meta Dr. Mario Scerri gie mistoqsi mid-difiza ta' l-esponent, waqt il-guri, ghaliex ma sarx dan it-test tant affidabbli, Dr. Scerri ta serje ta' ragunijiet konfliggenti: L-ewwel qal 'ghaliex it costs thousands and thousand of pounds'. Mistoqsi mid-difiza kemm iqum ezatt DNA test, Dr. Scerri wiegeb 'xi three hundred pounds'! Meta d-difiza gibditlu l-attenzjoni jekk hux 'thousands' jew 'three hundred pounds', Dr. Scerri wiegeb li t-test ma kienx hemm raguni ghaliex isir <u>ghaliex ma kienx hemm nies suspettati ohra ma min tikkomparah.</u>"

Dr. Scerri waqt kontro-ezami qal li huwa ma dehrlux li DNA test kellu ghalfejn isir peress illi kien hemm rizultat pozittiv ta' marka ta' sinna tal-vittma fuq l-appellant. Il-brani relattivi huma s-segwenti[21]:

Xhud: Jiena nista' niccaralu daqsxejn, ara li kieku kien hemm iktar suspetti u iktar arrestati, iva kont nasal biex naghtih parir.
Dif. Kien hemm aktar arrestati.
Xhud: Imma ma kienx hemm aktar indikazzjonijiet.
….
Xhud: Ara l-punt huwa hawn, jiena stajt naghti parir lill-Magistrat biex isiru t-testijiet tad-DNA pero` Bambin ma x'hiex ser inqabbilhom?
Dif: Imbaghad naraw wara.
Xhud: Le mhux naraw wara d-DNA eluf kbar, imma apparti, ahna l-flus ma jinteressawniex.

---

[21] Ara traskrizzjoni tar-registrazzjoni tax-xiehda Tape 14 side A p. 10 - p. 12.

Dif: Le
Xhud: L-inkjesta -
Dif: Imma inti ghal fejn
Xhud: Jiena mhux professjonalment korrett u etikament korrett li naqbdu dawn l-ghaxra min-nies u nghidlu sur imhallef naghmlu d-DNA
Dif: Le mhux dik qed nghidlek jiena
Xhud: Din xi professjonalita` hija din?
Dif: Mhux hekk qed nghidlek mhux qed tirrispondini
Qorti: Ghamillu d-domanda. Ghidlu d-DNA ma' ta' min ridt tqabbel.
….
Dif: Ghaliex ma ordnajtx illi jsiru d-DNA ta' taht il-fingerprints residue kif ordnajt inti u tlabt lill-Magistrat biex tahtarlek dentista?
Xhud: Ovvja ghaleix li kieku kien hemm bniedem detenut iehor mill-Pulizija li kellu xi marka fuqu awtomatikament il-Pulizija ha jinfurmaw lill-Magistrat - isma' Charlie Ellul ghandu marka ghidu t-tabib tal-forensika jezaminah, kont nezaminah u nanalizza, minuta wahda, issa lili hadd ma qalli biex nezamina lil xi hadd iehor mill-Pollacco, Jigifieri jiena persuna wahda kelli allura jekk il-Pulizija ezaminaw, interrogaw lil xi hadd, ma kellhomx suspetti li dawn kellhom xi marki fuqhom, allura ma kellhomx ghalfejn jidhol it-tabib tal-forensika
Qorti: Sa fejn taf inti
Xhud: Sa fejn, kieku kien hemm kien f-opinjoni taghhom li jinfurmaw
Qorti: Ara llimita ruhek fuq Pollacco
Xhud: Fuq Pollacco sibtlu lezjonijiet, f'ghajnejja dehrli li kienu gdim. Saru l-ezamijiet, ara li kieku saru l-ezamiiiet fuq il-gdim u hargu negattivi iva, iva kont naghmel ezami tad-DNA fuq Pollacco u fuq Lucy Schembri, u fuq il-finger scrapings ta' Lucy Schembri pero` ghandi marka korretta mija fil-mija bhal dik - fingerprint, jigi l-espert odontologu jghidli naqblu mija fil-mija, ma ghandix ghal x'hiex naghmel DNA test
Qorti: kemm tiswa t-test tad-DNA
Xhud: Meta taghmel DNA sur Imhallef ma taghmilx DNA ta' bniedem wiehed, trid taghmel DNA ta' bniedem wiehed, DNA tal-ohra, taghmel certu testijiet jigifieri flok taghmel ezami wiehed taghmel xi tmienja, xi tliet mitt lira

kull wiehed - issa jekk ghandek persuna wahda jekk ghandek xi tliet suspettati ohra taghmel thirty-three kollox, issa bizzejjed nghidlek."

Dawn il-brani gew citati *in extenso* peress illi jispjegaw lilhom infushom u jaghtu perspettiva differenti minn dik li pprospetta l-appellant fir-rikors tieghu. Ir-ragunijiet li ta Dr. Scerri ma huma xejn konfliggenti. Anzi r-raguni partikolari li ta ghaliex ma talabx li jsiru testijiet tad-DNA kienet li kien hemm rizultat pozittiv ta' gidma. L-appellant pero` jkompli jghid fir-rikors ta' appell tieghu:

"B'kull rispett, b'umilta`, izda b'insistenza, l-esponent jirrileva li dan huwa nuqqas gravissimnu, ghaliex bhala espert nominat mill-Qorti, Dr. Scerri kellu jirrapporta lill-Onorabbli Qorti dwar dan is-cellular debris u kellha tkun l-Onorabbli Qorti li tiehu d-decizjoni dwar jekk it-test isirx jew le, mhux Dr. Scerri personalment! Umilment jigi sottomess illi galadarba hawn si tratta ta' kaz serjissimu b'pieni serjissimi, id-DNA test kellu jsir irrispettivament minn kemm jiswa. L-esponent ukoll jirrileva umilment li d-decizjoni ta' Dr. Scerri li t-test ma jsirx ghaliex ma kienx hemm nies suspettati ohra ma' min tikkomparah, ikkawzat ingustizzja bla qies fil-konfront tieghu <u>ghaliex kien hemm HU bhala suspettat</u>, u t-test seta' facilment jistabilixxi jekk is-cellular debris taht dufrejn il-vittma kienx tieghu jew le; ergo jekk kienx l-esponent l-aggressur tal-vittma jew le!"

Din il-Qorti taqbel perfettament li kwalunkwe rizultat li seta' jigi ottenut ghal DNA mis-*cellular debris* imsemmi, seta' jigi komparat mad-DNA ta' l-appellant. Ma taqbilx pero` li rizultat negattiv, cioe` li d-DNA tas-*cellular debris* ma jaqbilx mad-DNA ta' l-appellant, necessarjament ifisser li l-appellant ma setax kien <u>ukoll</u> aggressur tal-vittma jekk hemm rizultanzi ohrajn. U r-rizultanzi tal-Professur Hector Galea flimkien ma' dawk ta' Martin Bajada, jekk accettati, fil-fatt iqieghdu lill-appellant fuq ix-xena tad-delitt. Ghalhekk, filwaqt li din il-Qorti hija tal-fehma li f'cirkostanzi bhal dawk in kwistjoni huwa mhux biss deziderabbli izda anke ferm rakkommandabbli li jsiru t-testijiet tad-DNA opportuni sabiex b'hekk kwalunkwe Qorti li trid tiddeciedi jkollha quddiemha *the fullest evidence possible*, kemm

favur kif ukoll kontra l-akkuzat, in-nuqqas li jsir tali test ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li l-kawza ma setghetx tigi deciza gustament minghajr tali rizultat. Is-*cellular debris* seta' kien ta' l-appellant daqs kemm seta' ma kienx. Jekk ma kienx, din tikkostitwixxi prova negattiva li wahedha ma tbieghedx lill-appellant mix-xena tad-delitt jekk hemm provi ohrajn li juru l-kuntrarju. F'dan il-kuntest ukoll tista' tissemma' konkluzjoni ta' Martin Bajada fis-sens li rrizultalu *positive comparative analysis* bejn l-*index fingernail* ta' id il-leminja tal-vittma ma' marka fuq id il-leminija ta' l-appellant, mentri s-*cellular debris* gie elevat mill-id tax-xellug tal-vittma. Izda l-appellant ikompli:

"U hawn tqum it-tielet dikjarazzjoni ta' Dr. Scerri, li, b'kull rispett u b'umilta` l-esponent ihoss li hija ta' natura ferm kurjuza. Meta d-difiza, waqt il-guri, kompliet tinsisti bil-qawwa ghaliex ma sarx id-DNA test, Dr. Scerri fl-ahhar qal li ma kienx hemm ghalfejn ghax (biex nikkwotaw verbatim): 'I was home', fis-sens li kienu dahlulu xi rizultati li xi abrazjonijiet partikolari kienu qablu ma' xi snien tal-vittma Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri. Issa l-fatt kurjuz huwa li l-bniedem nominat mill-Onorabbli Qorti biex jaghmel dawn l-analizi, u cioe` l-Professur Hector Galea, kif johrog mir-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri stess (a fol. 41 ta' l-istess relazzjoni), irrapporta ghall-ewwel darba lil Dr. Scerri li kien irnexxielu jqabbel l-ewwel sinna nhar it-8 ta' Lulju 1998 fit-8.30 a.m. - u cioe` AKTAR MINN XAHAR WARA LI NSTAB IS-CELLULAR DEBRIS U KWAZI XAHAR WARA LI L-ESPONENT TRESSAQ IL-QORTI. Waqt il-guri, il-Professur Hector Galea xehed ukoll, waqt li kien qed jaghmel referenza ghan-noti tieghu, li: *'kelli l-finalisation ta' l-ewwel sinna on the 20th June, midnight'*. Il-mistoqsija tqum wahedha: Dr. Scerri kien jaf li 'he was home' u cioe` li l-abrazjonijiet kienu jaqblu ma' xi snien tal-vittma xahar qabel ma l-espert infurmah b'dan? Ghal finijiet ta' precizjoni jigi rilevat ukoll li Martin Bajada - l-espert tal-computers inkarigat mill-iscanning ta' l-*images* - kien xehed fil-kumpilazzjoni li kellu l-ewwel konkluzjoni, l-ewwel taqbil ta' marka ta' sinna fit-22 ta' Gunju 1998. Mela jirrizulta mill-provi li l-ewwel allegata positive match tal-Professur Hector Galea saret fl-20 ta' Gunju 1998 (f'nofs il-lejl), l-ewwel allegata *positive match* ta' Martin Bajada

saret fit-22 ta' Gunju 1998; jirrizulta wkoll li l-Professur Hector Galea informa ghall-ewwel darba lil Dr. Scerri dwar din il-*positive match* fit-8 ta' Lulju 1998 (fit-8.30 a.m.) …. izda Dr. Mario Scerri kien jaf li *he was home* minn gimghat qabel! Kull kumment ulterjuri f'dan l-istadju jkun superfluwu."

Minn ezami tar-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri huwa evidenti li fejn f'pagna 41 ta' dik ir-relazzjoni jirreferi ghat-"8 ta' Lulju 1998 fit-8.30 a.m.", dan hemm zball tipografiku ta' l-indikazzjoni tax-xahar peress illi l-imsemmi espert nizzel fir-relazzjoni b'mod kronologiku dak kollu li huwa ghamel u l-entrata dwar it-"8 ta' Lulju 1998" tinsab bejn entrata dwar is-7 ta' Gunju 1998 u entrata ohra dwar it-"8 ta' Gunju stess fis-1.30 p.m.". Ghalhekk l-entrata "8 ta' Lulju 1998 fit-8.30 a.m." trid tinqara "8 ta' Gunju 1998 fit-8.30 a.m.". Inoltre meta Dr. Mario Scerri xehed waqt il-kumpilazzjoni fl-24 ta' Gunju 1998 huwa ddikjara li r-rizultati fuq l-abrazjoni li l-appellant kellu fuq in-naha inferjuri ta' idu l-leminja *"jiena nafhom pero` ser inhalli f'idejn l-esperti l-ohra biex jghiduhomkom huma"*. Jibqa' l-fatt li hemm diskrepanza bejn din id-data moghtija minn Dr. Mario Scerri bhala d-data li fiha l-Professur Galea kkomunika mieghu u nfurmah li wahda mill-abrazjonijiet kienet gidma umana kompatibbli ma' sinna tal-vittma u dak li xehed l-Professur Galea li kellu l-ewwel *positive match* fl-20 ta' Gunju 1998 f'nofs il-lejl. Din id-diskrepanza ma gietx spjegata waqt is-smiegh tax-xiehda fil-guri u din il-Qorti ma tippretendix li tista' taghti xi spjegazzjoni hi ghaliha. Tista' tosserva biss li fis-6 ta' Gunju 1998 il-Professur Galea kien ha l-impronti dentali tal-vittma u fis-7 ta' Gunju 1998 ezamina l-lezjonijiet ta' l-appellant filwaqt illi fl-20 ta' Gunju 1998 ghamel dik li rrefera ghaliha fix-xiehda tieghu bhala *'first finalisation"* u *"konkluzjoni totali"*[22]

L-appellant jikkonkludi hekk il-parti tar-rikors ta' appell tieghu dwar Dr. Mario Scerri:

[22] Xieha traskritta Tape 22 Side B p. 3 u Tape 23 Side A p. 3.

"Episodji kurjuzi apparti, importanti jigi rilevat li sia fir-relazzjoni tieghu kif ukoll fix-xiehda tieghu waqt il-guri, Dr. Scerri specifika li l-abrazjonijiet kollha fuq driegh l-esponent Mario Pollacco *'kienu cirkondati b'areas ta' reazzjoni infjammatorja (inflammatory reaction) u kellhom 'dry scab' li kienet iffurmata tajjeb'*. Dan l-istat ta' fatt huwa importanti ghaliex kif ser jigi rilevat aktar 'il quddiem, huwa ferm difficli, jekk mhux impossibbli, li girfa b'qoxra fuqha, li tkun ilha li saret diversi granet, taqbel perfettament ma' sinna."

Dwar dan din il-Qorti ser tikkummenta aktar 'il quddiem.

(B) "**Martin Bajada**

Martin Bajada kien gie nominat bhala espert mill-Magistrat inkwerenti biex, *inter alia*, jaghmel *image comparative analysis* ta' *casts* u *scans* ta' snien u duffrejn il-vittma Roaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri u tal-grif (abrasions) fuq l-id il-leminija ta' l-esponent.

Ghandu jigi rilevat li s-Sur Bajada, kif jispjega fid-dettall huwa stess, ghamel *image comparative analysis* - u cioe` scanja xi *images*, u ra jekk meta dawn l-*images* jitpoggew fuq images ohrajn, jaqblux jew le. Kif jirrizulta mir-relazzjoni u mix-xiehda ta' l-istess Martin Bajada, huwa kkompara numru ta' *images*, li ghal tnejn minnhom irrizultatlu *'a positive comparative anlaysis'* u cioe` zewg *images* partikolari (minn numru kbir ta' *images*) qablu ma' zewg *images* ohrajn. Ghalkemm is-Sur Bajada, jixhed f'termini ta' *images* u mhux ta' snien, dwiefer, u abrazjonijiet, jirrizulta mir-relazzjoni li l-*images* li qablu kienu dik ta' marka fuq id l-esponent mas-sinna T13 ta' Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Scembri, u marka ohra fuq id l-esponent ma' l-*index fingernail* ta' id il-leminija ta' Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri.

Mhux ta' ftit importanza hija d-dikjarazzjoni ta' l-istess Martin Bajada, li l-*images* li kkompara hu m'humiex unici, u li huwa possibbli li dawn l-*images* jaqblu ma' *images* ta' affarijiet ohra minbarra ma' l-*images* li effettivament qablu

maghhom. Kien f'dan l-istadju li s-Sur Bajada ndirizza b'mod car u esplicitu lill-gurati u qalilhom li tant dawn l-*images* mhumiex unici, li jkun ingust li tinstab htija fl-akkuzat (l-esponent odjern) a bazi ta' l-*image comparative analysis* tieghu biss, sakemm tali ma jkunux korroborati minn rizultanzi ohrajn ."

Fix-xiehda tieghu Martin Bajada kien esplicitu u huwa opportun li jigi citat ezattament dak li qal: *"Jien nahseb li l-yardstick tajjeb huwa l-uniqueness fuq is-sinna. L-image ttik - ma nafx jekk ha nkunx oltre, imma jekk il-Professur jispjega l-uniqueness u intom taccettaw dik il-uniqueness, ix-xoghol li ghamilt jien imbaghad jidhol in place. Imma kif inhu issa ma nistax, anzi pjuttost irrid nghid ma tridux tatu weight 'il dak il-comparison f'dan l-istadju ghax mhuwiex bizzejjed biex forsi tinkrimina persuna fuq dak il-fatt biss. Irid ikun hemm xi haga oltre minn dak. U dik ma tinstabx hawnhekk, allura diparti tieghi inkun skorrett li xi hadd jinstab hati jew ikollu attribwit kolpevolezza lejh ghax immagni qablet ma' l-ohra ghax mhijiex konklussiva. Irid ikun hemm fatturi ohra li ghadhom ma nahsibx xehdu hawnhekk."*

Martin Bajada effettivament xehed qabel ma xehed il-Professur Galea waqt il-guri u r-rizultanzi tieghu ghalhekk iridu jigu kkunsidrati bhala parti mill-assjem tal-provi u b'mod partikolari dawk derivanti mir-rizultanzi tal-Professur Galea.

<u>(C)</u> "**<u>Prof. Hector Galea</u>**

Fl-ewwel lok, l-esponent umilment jirrileva li l-analizi tal-Professur kienu pre-kondizzjonati minn opinjoni preliminari u non-xjentifika ta' l-istess Professur. Jirrizulta mill-provi (mix-xiehda ta' l-esponent li ma gietx michuda mill-Professur Galea lanqas waqt konfront ma' l-istess esponent) li malli l-Professur ra l-griehi ta' l-esponent, staqsieh biex saru, u l-esponent wiegbu li ghamlithomlu l-kelba, il-Professur wiegbu testwalment: *"Jien ghandi kelb u ma jaghmillix hekk."* Mela qabel ma ghamel ebda test mediku, il-Professur Galea kien diga` ghamel pre-gudizzju, kien diga` ghamel gudizzju qabel il-waqt. L-

esponent umilment jirrileva li galadarba l-Professur beda l-analizi tieghu b'dan il-pre-gudizzju, l-analizi xjentifiku tieghu kienet indubbjament influwenzata minn dan il-fattur.

X'jirrizulta mill-analizi tal-Professur Galea? Il-Professur Galea kkonkluda li l-abrazjoni fuq id l-esponent li kienet l-iktar 'il boghod mill-polz kienet taqbel man-nejba 13 tal-vittma Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri. Ikkonkluda wkoll li l-abrazjoni fuq id l-esponent li kienet l-aktar vicin il-polz kienet taqbel man-nejba 33 tal-vittma Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri.

F'dan l-istadju ghandu jigi rilevat dan il-fatt kurjuz: minbarra dawn iz-zewg abrazjonijiet li allegatament qablu ma' zewg sinniet tal-vittma, kien hemm numru ta' abrazjonijiet ohra fuq id l-esponent li ma qablu ma ebda sinna jew difer tal-vittma Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri. Meta kien qed jikkummenta fuq dawn il-griehi fir-relazzjoni tieghu, il-professur Galea jghid li dawn *'kienu rabbew skorca (scab). Din l-iskorca ma tippermettilix naghti opinjoni dwar liema sinna setghet ikkawzathom'* (relazzjoni, pagna 6(d)). Issa kif gie rilevat aktar 'il fuq, it-Tabib Mario Scerri jghid li l-abrazjonijiet <u>kollha</u> kellhom *'a dry scab'*. Mela l-mistoqsija inevitabbli hija: jekk xi abrazjonijiet partikolari ma setghux jitqabblu ghax kellhom skorca (*scab*) kif ohrajn - <u>li wkoll kellhom skorca (*scab*)</u> - tqabblu?

Illi b'kull rispett lejn il-Professur Hector Galea, partikolarment fejn jikkonkludi li zewg abrazjonijiet qablu perfettament, *'cento per cento'* (biex wiehed juza l-kliem ezatt tal-Professur) ma' zewg sinniet ta' Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri, l-esponent jirrileva umilment li din il-pozizzjoni ta' l-imsemmi Professur hija xjentifikament inattendibbli, forensikament insostenibbli, u allura legalment perikoluza, u dan ghas-segwenti fatturi:

- Meta bniedem jingiref, jew ikollu xi tip ta' gerha ohra, f'temp ta' <u>sekondi</u>, jibda l-*healing process* naturali. Johrog id-demm li aktar tard jaghqad u jifforma *'blood clot'* li jghatti l-girfa/gerha biex ma jidhlux mikrobi go fiha. Wara ftit sieghat, il-gnub tal-gilda jibdew jinghalqu aktar lejn

xulxin. Per konsegwenza, wara biss ftit sieghat, il-gerha diga` ma tkunx tirrifletti l-oggett li jkun ikkagunaha.

- Fil-fatt, awturi fil-qasam ta' l-odontologija jishqu li ezamijiet ta' komparazzjoni ma jibqghux aktar precizi (*'accurate'*) jekk ikunu ghaddew xi sieghat (xi awturi jghidu anke siegha wahda biss) mill-gidma. Dan ghaliex il-gerha - aktar u aktar jekk tkun wahda superficjali bhal abrazjoni - mill-ewwel tibda tinghalaq u titbiddel fil-forma taghha, ghalhekk qatt ma jista' jkollok *a 100% positive match*. Fatt kurjuz dwar dan il-punt huwa li l-istess Professur Hector Galea, f'kawza ohra quddiem l-istess Onorabbli Qorti Kriminali (diversament preseduta), fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs John Borg* (Att ta' akkuza nru. 22/97) kien ikkonceda l-fatt li wara erbgha u ghoxrin (24) siega, skond hu, marka ta' gidma fuq il-gilda ta' bniedem tkun inbidlet tant li ezami komparattiv jista' jqarraq. Issa fil-kaz odjern, l-ezami fuq driegh l-esponent Mario Pollacco sar minn ta' l-anqas tnejn u disghin (92) siegha wara l-allegat incident li fih inqatlet Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri (il-vittma nqatlet nhar l-Erbgha 3 ta' Gunju 1998 f'xi nofsinhar; l-ezami fuq driegh l-esponent sar nhar il-Hadd 7 ta' Gunju 1998). Madankollu, fil-kaz odjern, il-Professur Hector Galea naqas milli jikkoncedi dak li kkonceda fil-kaz imsemmi hawn fuq, u cioe` li wara 24 siegha, abrazjoni fuq il-gilda ma tibqax tirrifletti l-oggett li jkun ghamilha. Mhux talli ma kkoncediex dan il-fatt mediku accettat universalment, talli l-Professur Galea sahaq ghal diversi drabi li kien *'cento per cento'* u li ma kellu assolutament ebda dubju li zewg abrazjonijiet fuq driegh l-esponent kienu kawzati minn zewg sinniet tal-vittma ghax skond hu qablu perfettament!

- Dwar dan l-istess punt tal-moviment tal-gilda, ghandu jigi umilment rilevat ukoll li l-gilda (u x-xaham u l-laham ta' tahtha) mhijiex statika u solida, izda tiggebbed. B'hekk, gidma go per ezempju bicca gobon *cheddar* (li mhijiex elastika) izzomm l-forma originali taghha, izda gidma go *human flesh* ma thalli ebda forma distintiva, specjalment wara trapass imqar ta' ftit sieghat.

Mela meta l-Professur jghid li zewg abrazjonijiet partikolari qablu perfettament / *'cento per cento'* ma' zewg sinniet minn tal-vittma Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri, il-probabbilita` hi li dawn fil-fatt ma gewx ikkawzati minn dawk is-snien, ghax kieku wara erbat ijiem (jew xi 92 siegha) l-abrazjonijiet fuq id l-esponent zgur li ma kinux jibqghu jirriflettu ezatt il-forma tas-snien. Fi kliem semplici, u tenut kont il-fatt xjentifiku suespost u accettat universalment, l-unika spjegazzjoni ghall-konkluzjonijiet tal-Professur li tista' ssib komfort mix-xjenza hija li dawn l-abrazjonijiet gew maghmulin minn xi haga ohra, u bit-trapass taz-zmien u l-fenomenu naturali tal-*healing process*, dawn koincidentalment gew jixbhu lil marki li possibilment setghu jhallu xi snien ta' Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri.

U fuq dan il-punt tac-*'cento per cento'* l-esponent umilment jirrileva li l-ebda espert, specjalment f'kaz ultra-sensittiv bhal dan, ma jista' jkun mija fil-mija fil-konkluzjonijiet tieghu, specjalment meta hawn *non si tratta* ta' test definit li jaghtik rizultat cert (*scientific certainty*) izda ta' taqbil *with the naked eye* ta' grif bil-qoxra fuqhom fuq materjal elastiku li allegatament saru erbat ijiem qabel minn snien partikolari. Il-Professur xehed b'*overconfidence* li ma tantx wiehed jara bhalha fl-Awla Kriminali, tant li l-istess Onorabbli Mhallef staqsieh ghal darba, tnejn, tlieta jekk jibqaghlux l-icken dubju mill-konkluzjonijiet finali tieghu, u l-Professur wiegeb li le. Issa din id-dikjarazzjoni ta' nfallibilita` tal-Professur Galea tikkuntrasta ma' dikjarazzjonijiet kontradittorji ta' l-istess Professur u ma' fatturi ohrajn, fosthom is-segwenti:

- Bl-akbar rispett lejn il-Professur, sfortunatament il-Professur Galea evidentement ibati mill-vista. Issa l-*comparisons* tieghu ghamilhom *with the naked eye* (u cioe` minghajr l-ghajnuna ta' ebda apparat). Ghalhekk umilment u b'kull rispett l-esponent jissottometti li l-Professur Galea qatt ma seta' jkun mija fil-mija cert mill-konkluzjonijiet tieghu.

- Fil-fatt, f'kaz ta' sinna mit-tnejn li l-Professur irnexxielu jqabbel, u cioe` s-sinna 33, il-Professur, *with the*

*naked eye*, ikkonkluda li taqbel ma' l-abrazjoni fuq id l-esponent li kienet l-aktar vicin tal-polz (ara r-relazzjoni tal-Professur Galea, pagna 5), filwaqt li *scan* kompjuterizzat li ghamel is-Sur Martin Bajada fuq l-istess sinna ma' l-istess ferita ma rrizultalux f'*positive comparative analysis*! (ara r-relazzjoni tas-Sur Martin Bajada, pagna 16). Veru li l-*computers* jistghu jkunu fallibbli wkoll, izda huwa daqsxejn stran kif dak li ma rnexxilux jaghraf apparat elettroniku sofistikat irnexxielu jaghrfu bniedem *with the naked eye*!

- Fix-xiehda tieghu stess waqt il-guri, il-Professur Galea qal li fil-kors ta' l-ezamijiet tieghu, kien ihobb jitlob *'a second opinion'* minghand min jinzerta jkun fil-vicinanzi tieghu. Iddikjara wkoll li gieli kkonkluda li xi marka partikolari qablet ma' xi sinna partikolari, izda meta talab *a second opinion*, qalulu: *'U le, x'taqbel, taqbel!'* Jigifieri ghalkemm il-Professur jghid li huwa cert mija fil-mija mill-konkluzjonijiet finali tieghu, indirettament jammetti wkoll li gieli wasal ghal konkluzjonijiet zbaljati.

- U fuq il-punt ta' konkluzjonijiet zbaljati, l-esponent jixtieq jattira l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ghal dokument li wasal b'mod kunfidenzjali ghand id-difiza ta' l-esponent, li gie esebit waqt il-guri. Dan id-dokument jikkonsisti f'rapport (relazzjoni) ta' l-istess Professur Hector Galea ghall-kaz odjern, liema rapport ma kienx gie pprezentat fil-Qorti Istruttorja ghaliex minfloku l-Professur esebixxa rapport iehor li fil-fatt jinstab fl-atti. Meta gie muri d-dokument waqt il-guri, il-Professur ma cahadx li kien tieghu, anzi qal li probabbilment kien xi *'early draft'* tar-rapport li fil-fatt kien sussegwentement ipprezenta l-Qorti. L-esponent bl-ebda mod ma jiddubita minn dan il-fatt, anzi jaqbel perfettament mal-Professur li probabbilment dan id-dokument huwa *'an early draft'* tar-rapport finali. Jaqbel ukoll li huma l-konkluzjonijiet fir-rapport finali, iffirmat mill-Professur u pprezentat il-Qorti li jghoddu u mhux il-konkluzjonijiet ta' dan l-*early draft*. Madankollu l-importanza ta' dan l-*early draft* ghandha tigi sottolineata, ghaliex il-konkluzjonijiet tal-Professur fl-*'early draft'* huma ghal kollox differenti minn dawk tar-rapport finali! Fil-fatt:

1. L-abrazjoni fuq id l-esponent li kienet l-aktar 'il boghod mill-polz, fir-rapport finali jikkonkludi li giet maghmula mis-sinna 13 tal-vittma, filwaqt li fl-*early draft* jikkonkludi li din saret mis-sinna 43 tal-vittma.
2. L-abrazjoni fuq id l-esponent li kienet l-aktar vicin tal-polz, fir-rapport finali jikkonkludi li giet maghmula mis-sinna 43 tal-vittma, filwaqt li fl-*early draft* jikkonkludi li din ghandha partikolaritajiet simili ghall-ghafsa li thalli n-nejba 33 tal-vittma.
3. Abrazjoni zghira fuq id l-esponent f'dik il-parti tal-polz imsejha *'anatomical snuffbox'*, fir-rapport finali jghid li ma kellhiex bizzejjed kwalitajiet biex ikun jista' jqabbilha ma' ghafsa li taghmel sinna filwaqt li fl-*early draft* jikkonkludi li din giet maghmula minn ghafsa tan-nejba 33 tal-vittma.

L-esponent ghalhekk umilment jissottometti li ghalkemm il-Professur Hector Galea, waqt il-guri, xehed li huwa m'ghandux l-anqas l-icken dubju mill-konkluzjonijiet finali tieghu, dawn il-fatturi kollha juru li l-konkluzjonijiet tal-Professur Galea jistghu jkunu altru milli infallibbli; u fl-isfond tas-suespost, wiehed ma jistax ikun moralment konvint lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-marki fuq id l-esponent kienu effettivament maghmulin minn snien Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri. Inoltre, kif l-esponent ser ikollu l-opportunita` juri waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-umli appell, *considerando* l-pozizzjoni fil-halq tat-tliet sinniet li kellha l-vittma Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri, huwa ferm improbabbli, jekk mhux impossibbli, li l-abrazjonijiet fuq id l-esponent gew kagunati permezz ta' gidma emanenti minn Rosaria sive Rose Mary sive Lucy Schembri."

Dwar l-allegat pre-gudizzju li seta' ghamel il-Professur Galea u dwar il-kummenti rigward il-vista tieghu, irid jinghad li kollox jiddependi minn kemm wiehed seta' jponi fiducja fix-xoghol u fis-serjeta` ta' l-imsemmi espert. L-allegat pre-gudizzju huwa biss allegazzjoni peress illi din il-Qorti mhijiex lesta li tiddikjara li bil-fatt li dan l-espert esklama hekk kif ra l-lezjonijiet f'idejn l-appellant li ma setghux saru minn kelb, dan wasslu biex jikkonkludi kif

ikkonkluda minhabba proprju dik id-dikjarazzjoni inizjali. Dwar il-kwistjoni tal-vista, hija biss suppozizzjoni ta' l-appellant li b'hekk il-Professur Galea ma setax jaqdi l-inkarigu tieghu.

Dwar l-i*scabs* huwa minnu li fir-rapport tieghu Dr. Mario Scerri ndikahom kollha bhala li kellhom *"dry scab"*. Meta kien qieghed jixhed il-Professur Galea pero` huwa qal li *"mhux dejjem ghaliex ikun hemm qoxra jiena ma nkunx nista' nezamina u nirrileva l-forma li halliet is-sinna"*[23].

Dwar il-paragun li ghamel l-appellant bejn dak li qal il-Professur Galea f'dawn il-proceduri u dak li qal fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Borg**, jinghad l-ewwelnett li dak li seta' qal f'dik il-kawza ma jistax jittiehed bhala xi prova f'dawn il-proceduri u fi kwalunkwe kaz il-Professur Galea ma giex ikkonfrontat b'dak li kien xehed f'dak il-guri. Barra minn hekk il-Professur Galea ma giex mistoqsi waqt dan il-guri mistoqsijiet dwar x'jghidu l-awturi dwar kemm seta' jghaddi hin bejn gidma u l-ezami ta' suspettat sabiex jista' jkun hemm rizultat validu. Ghal mistoqsija unika tal-prosekuzzjoni dwar il-*life span* ta' gidma wiegeb li fix-xoghol tieghu relatat mal-Qorti sab gidmiet *"illi anke, jekk minhix sejjer zball, ghaxart ijiem ikunu damu. Jiddependi mid-daqqa kemm tkun qawwija u dawn l-affarijiet."* Fi kwalunkwe kaz fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Borg** jirrizulta mix-xiehda tal-Professur Galea waqt dak il-guri li huwa kien ha l-mudelli tal-marki fuq is-suspettat darbtejn (f'dak il-kaz id-delitt kien sehh fl-1 ta' Mejju 1996 u hu ha sett fit-2 ta' Mejju u sett iehor fil-5 ta' Mejju) u qal hekk waqt l-ezami:

"Pros: Le, le, pero` ppermettili, id-domanda kienet, int kont qed tippretendi li jibqghu jidhru fil-5 ta' Mejju, dawn il-marki originali?
Xhud: Jiena kont nippretendi illi jibqghu jidhru.
Pros: Issa inti x'ghidt? Il-kotba jghidulek mod, x'kienet din?
Xhud: Hemm kotba li jghidulek jigifieri x'impront jibqa', x' daqqa tibqa' 24 hours, u ma tibqax 24 hours, joqogdu hekk. Wara tlett ijiem kienu ghadhom hemm dawn."

---

[23] Traskrizzjoni tax-xiehda Tape 21 Side A p. 4.

U waqt il-kontro-ezami:

Xhud: … l-awturi, forsi li jaqblu bejniethom, e, tajjeb? U anqas jippreciza il-gurnata, u meta wiehed jista' jibqa' jiehu l-forma tal-gidma. Sew? Jekk jiena jkolli impatt fuq il-gilda hafif, b'sinna, hafif b'sinna, lanqas nippretendi li sa gurnata se tibqaghli hemm u titlaq, jista' jkun illi hawn mezzi kif nezaminaha, e, tajjeb? U forsi nibqa' nsibhom. Imma b'dana kollu l-anqas nippretendi, imma marki bhal ma kelli f'dal-kaz, li gbarthom l-ewwel on the 2nd May u anki on the 5th of May, jippruvaw illi dawn tista' tibqa' tigborhom."

L-appellant jghid li l-abrazjonijiet setghu saru minn xi haga ohra. Fil-fatt mill-ewwel kien qal li kienu saru mill-kelba tieghu. Fir-relazzjoni tieghu l-Professur Galea jeskludi ghal kollox li l-lezjonijiet setghu saru minn gidma ta' kelb kif allega l-appellant, dan *"mhux biss ghaliex il-lezjonijiet imsemmija kienu pjuttost hfief izda minhabba l-forma partikolari taghhom u r-relazzjoni taghhom ma' xulxin fuq il-gilda tad-driegh (special arrangement) … gew maghmula minn snien individwali li ma kellhomx snien ohrajn ma' genbhom fl-arkata dentali. Fl-arkati dentali tal-kelba li ezaminajt ma sibtx li kien hemm xi snien neqsin."* Dwar dan l-appellant ma jghid xejn pero`.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taccetta dik li l-appellant isejjah bhala l-unika spjegazzjoni possibbli ghall-konkluzjonijiet tal-Professur Galea. Koincidenzi jistghu jigru, iva, izda dik li l-appellant qieghed isejjah bhala koincidenza f'dan il-kaz, u cioe` li l-marki f'idejh setghu saru minn xi haga ohra - li fir-rikors ta’ appell ma jispecifikax x'inhi! - u li minhabba l-process ta' fejqan gew jixbhu xi marki ta' snien tal-vittma, hija *far-fetched* wisq.

Kwantu ghall-fatt li mill-analizi li ghamel Martin Bajada huwa qabbel sinna wahda biss u mhux tnejn ghalkemm bil-computer, ir-raguni giet spjegata minn Martin Bajada stess. Dan l-espert qal fix-xiehda tieghu li huwa hadem fuq *images* tas-snien u ta' l-abrazjonijiet. Dwar is-sinna T33 ikkonkluda li *"ma hemmx bizzejjed impression fil-cast*

*C105-B sabiex ikun hemm a positive comparative analysis"*. Fix-xiehda tieghu spjega rigward il-konkluzjoni dwar it-T33 li meta l-*image* tas-sinna hija *superimposed* fuq l-*impression* li hemm fl-id, tidher ic-cirkonferenza taghha li jaqblu pero` meta tara iktar id-dettall biex tqabbel il-*points* kollha, tara li l-*impression* fuq l-id tiffejdja, li s-sinna fiha iktar *image* mill-*impression*. Qal li effettivament parti mis-sinna qablet ma' l-*impression* izda l-*impression* ma kellhiex il-*pressure* kompleta tas-sinna[24].

Dwar l-metodologija li uza l-Professur Galea fix-xoghol tieghu, qal li waqt li qed jaghmel ix-xoghol tieghu kien hemm prezenti kemm Martin Bajada kif ukoll Mario Zarb (assistant principal dentist technologist), kemm separatament u kemm anke flimkien. Indika li jahdem ma' haddiehor *"biex jiena nippreserva li nnaqqas kemm jista' jkun anke d-dubji tieghi stess. L-ewwel haga minn naha wahda li ma nhallix illi tiskappa xi haga li jiena forsi qed nghid 'din mhix haga', min-naha l-ohra li jiena xi kultant inkun qed naghzel xi parti, jghidli Mario 'dik jiena ma ddoqqlix', u la ma ddoqqx lilu ma ddoqq lil hadd"*[25]. Din il-Qorti ma tara xejn hazin f'li l-Professur Galea pprova jfittex ic-certezza fil-konkluzjonijiet tieghu, u, wara kollox, f'dan il-kaz kemm Martin Bajada kif ukoll Mario Zarb kienu nominati esperti mill-Magistrat Inkwerenti.

Fir-rigward tad-diskrepanzi bejn ir-rapport finali tal-Professur Galea u dak esebit mid-difiza waqt il-guri li jista' jissejjah *draft* preliminari, huwa minnu li hemm certi diskrepanzi bejn dawn iz-zewg dokumenti izda dak li gie kkonfermat bil-gurament huwa <u>r-rapport finali</u> u mhux id-*draft* esebit mid-difiza. Il-konkluzjonijiet huma dawk kontenuti fir-rapport finali u mhux dawk fid-*draft*.

(7) Mela bhala provi <u>principali</u> kontra l-appellant il-gurati kellhom quddiemhom ix-xiehda ta' Joseph Borg[26],

---

[24] Traskrizzjoni tax-xiehda Tape 15 Side B p. 8.
[25] Traskrizzjoni tax-xiehda Tape 22 Side B p. 2.
[26] Joseph Borg jghid kif l-appellant kien qallu li hemm wahda xiha qeghed imur jaqdiha u ssuggerielu li jmorru jisirquha billi l-ewwel jidhol Borg ghax thalli l-bieb fuq il-gangetta, jorbotha u jghattilha ghajnejha, imbaghad jidhol l-appellant ghax jaf fejn huma l-flus.

Winston Gera[27] u David Schembri[28] dwar id-diskors li qalilhom f'dati differenti u r-rapporti tal-Professur Hector Galea, Martin Bajada u Dr. Mario Scerri. Fil-fehma ta' din il-Qorti, una volta accettat li l-konkluzjoni tal-Professur Galea kif sostanzjata in parti mill-konkluzjoni ta' Martin Bajada hija korretta, dan iqiegħed lill-appellant fuq ix-xena tad-delitt peress illi l-uniku mod ta' kif seta' spicca bil-marki tas-snien u anke ta' difer tal-vittma Rosaria Schembri huwa jekk kien l-aggressur, jew wiehed mill-aggressuri, taghha. U l-provi indizjarji fornuti mit-tliet xhieda l-ohra - Borg, Gera u Schembri - isahhu tali konkluzjoni.

(8) L-appellant jghid li kemm fl-istqarrijiet li ghamel lill-Pulizija kif ukoll fix-xiehda tieghu, irrisponda ghal kull domanda li saritlu u baqa' konsistentement jinnega kull involviment tieghu fil-qtil u fis-serq ta' Rosaria Schembri, fl-ebda waqt ma deher mifxul jew inqabad f'xi kontradizzjoni u anke waqt sensiela ta' konfronti l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex timmina l-konsistenza tieghu. Li l-appellant kien konsistenti fic-cahda tieghu li kellu x'jaqsam mad-delitti addebitati lilu huwa minnu. Izda dan ma jfissirx li ma kienx hemm l-ebda inkonsistenza f'dak li qal jew li dak li qal ma jqajjimx interrogattivi. Per ezempju, wiehed jistaqsi, huwa verosimili li, jekk verament l-appellant kien kecca lil Joseph Borg mid-dar tieghu - haga negata minn Borg li jghid li telaq - Joseph Borg tant hadha bi kbira li jiffabbrika l-istorja li qal lill-Pulizija u anke li qal f'wicc l-appellant? Fl-istqarrija tieghu ta' l-10 ta' Gunju 1998 l-appellant gie mistoqsi ghalfejn, waqt konfront ma' Joseph Borg, ma qallux f'wiccu li dak li kien qieghed jghid Borg ma kienx minnu, l-appellant wiegeb li ghax dak il-hin hass li kien ikun ghalxejn li jghidlu mhux veru dak li kien qed jghid. Meta xehed waqt il-guri qal li x'hin Borg qal dak il-kliem immutah lilu, ma felahx jitkellem, lanqas nifs ma hallielu. Jekk verament l-

[27] Winston Gera xehed li l-appellant kellu problemi finanzjarji u qallu li ried jaghmel wahda tajba u li kien hemm wahda mara li toqghod hdejh li ghandha hafna flus li ma jasalx biex jisraqha peress li kienet tafu.
[28] David Schembri kien kreditur ta' l-appellant fl-ammont ta' xi Lm120 u xehed li l-appellant kien qallu li ser jaghmel serqa minn go villa u gurnata minnhom - dakinhar li nqatlet Rosaria Schembri - filghodu qallu li sejjer jaghmel is-serqa ghall-habta tas-1.00 p.m. u aktar tard infurmah li kien kollox sew.

appellant ma kellux x'jahbi, ma kienx ikun f'waqtu li minnufih jinnega dak li kien qieghed jghid Borg? Waqt l-istqarrija ta' l-10 ta' Gunju 1998 l-appellant gie mistoqsi dwar id-diskors li allegatament qal lil Schembri li ser jisraq minn go villa u l-appellant qal li kienet fantasija ta' mohhu; waqt il-guri pero` jghid li kien Schembri li kien beda jiftahar li kien beda business wara li ghamel serqa minn villa u hu (l-appellant) urieh ix-xewqa li jaghmel hekk. Fl-istqarrija qal li kien veru li lil Schembri qallu li kien seraq is-somma ta' Lm7,000 u deheb izda mhux li qallu li kien harighom f'investa u hbiehom f'post ghadu qieghed jinbena; meta xehed waqt il-guri l-appellant cahad li kien qallu dawk l-affarijiet u qal li l-Pulizija nizlu hekk fl-istqarrija ghax forsi fehmuh hazin. Fl-istess stqarrija l-appellant jghid li kellu Lm102 ta' cekk li kien sarraf dik il-gimgha stess u Lm50 ohra li kellu taht rasu; galadarba kellu xi flus li minnhom seta' jrodd lil Schembri, jaghmel sens li joqghod "jibblaffja" dwar serqa minn villa? Tajjeb li ssir referenza wkoll ghal xi mistoqsijiet u twegibiet ohra fl-imsemmija stqarrija ta' l-10 ta' Gunju 1998:

*"M. Il-feriti li ghandek f'idejk irrizultaw li huma l-marki ta' zewg sinniet ta' mara anzjana li giet maqtula gewwa darha fl-Msida numru 10, Mons D'andria Street, b'diversi daqqiet f'rasha u fgata. Din hija l-istess mara anzjana li kont ilek tippjana biex tisraq minn xahrejn qabel. Issa li nafu l-verita` kollha ma jkun ahjar ghalik li tirritorna l-flus li sraqt u taghmel paci mal-gustizzja?*
*R. Ma rridx nirritornahom ghax sbieh.*
*M. X'ser taghmel bihom dawn il-flus? U trid tiskwerja mal-gustizzja?*
*R. Biex ninvestihom ghax gejja l-World Cup u naghti hamsa ma' wahda.*
*M. Trid iggibhom lura l-flus li sraqt lil dik ix-xiha li inti qtilt?*
*R. Jiena la sraqt u l-anqas qtilt."*

Wara li ffirma l-istqarrija saret zieda fuq talba ta' l-appellant peress li ried ibiddel parti minnha u ddikjara hekk:

*"Nixtieq nippreciza li ma rridx nirritorna l-flus li sraqt ghax dawn kienu sbieh u li ridt ninvestihom fil-bets tal-World*

*Cup jiena ridt infissert is-somma ta' Lm102 tac-cheque u Lm50 ohra li kelli taht rasi u mhux ghall-flus li intkom qeghdin tallegaw li sraqt. Jiena ma sraqt u qtilt lil hadd."*

Ghalkemm il-Pulizija kienu ndikawlu li l-marki fuq idejh kienu tal-mara anzjana li kienet inqatlet, l-appellant ma kummenta xejn meta ghamel l-istqarrija ghalkemm kien diga` gie ezaminat ghal dawk il-marki u kien diga` stqarr ma' diversi nies li kienu marki tal-kelba tieghu. Meta xehed l-appellant qal li kien hemm xi affarijiet fl-istqarrija li ried lill-Pulizija li jikkorregu u ma riedx jiffirmaha peress li t-twegibiet ma kinux kif wegibhom hu. Jghid li l-allura Assistent Kummissarju John Rizzo (li kien qieghed jaghmillu l-mistoqsijiet filwaqt li s-Supretendent Bartholomeo Mula jikteb - l-istqarrija saret l-Isptar fejn kien rikoverat l-appellant) qallu li ma jistax joqghod jikkorregi kollox u ma jistax ihassar imma jzid maghha. Fil-fatt saret iz-zieda hawn fuq riportata. Waqt konfront ma' l-appellant, il-Kummissarju John Rizzo qal li kull haga li qal l-appellant fl-istadju ta' l-istqarrija tnizzlet *verbatim*, kelma b'kelma.

(9) Minn dan kollu huwa evidenti li s-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu ma jemmnux lill-appellant, ghax hemm cirkostanzi u provi mressqa mill-prosekuzzjoni li huma kapaci li jitwemmnu u li l-gurati kienu perfettament intitolati li jemmnu.

(10) Ghalhekk is-sitwazzjoni ma kkristallizzatx ruhha b'mod illi fuq bazi ta' probabbilita` il-gurati kellhom ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li kien jissussisti d-dubju ragjonevoli fit-tezi tal-prosekuzzjoni dwar l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza. Dana partikolarment ghaliex m'hemm xejn x'jindika li l-gurati ma setghux ragjonevolment hlief jaslu biex jemmnu lill-appellant.

(11) Wara li nghad dan kollu u fuq il-bazi tal-kriterji legali ga` esposti fil-parti relevanti ta' din is-sentenza, din il-Qorti tosserva li fil-fehma taghha mhix soddisfatta li l-provi godda li l-appellant irid li jigu ammessi jistghu, jekk ammessi, jaghtu lok biex l-appell tieghu dwar l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza jigi milqugh. Dan kemm minhabba li, kif ga` nghad qabel fi kliem l-Archbold, *op. cit. "it is common*

*sense that the Court will not receive evidence under subsection (1)* (ekwivalenti ghall-artikolu 506 tal-Kap. 9 taghna) *if it is not satisfied that it would not be 'necessary' in the interests of justice"*, kif ukoll ghaliex din il-Qorti thossha konvinta illi kieku saru t-testijiet tad-DNA fuq is-*cellular debris* u xaghra, xorta wahda ma kienx ikun hemm dak ir-*"reasonable doubt in the minds of the jury as to the guilt of the appellant"*. Dan japplika wkoll fir-rigward tar-rizultanzi ta' l-esperti forensici Christopher Farrugia u Robert Cardona mnejn fil-fatt jirrizulta li fuq ix-xena tad-delitt sabu biss evidenza ta' demm uman grupp A (u dak ta' Rosaria Schembri kien grupp A) filwaqt li d-demm ta' l-appellant huwa ta' grupp O, rhesus pozittiv. In-nuqqas ta' sejbien ta' tracci ta' demm ta' grupp O fuq il-post tad-delitt ma jfissirx, stante li kien hemm konstatazzjonijiet xjentifici ohra accettati mill-gurati bhala attendibbli, li l-appellant ma kienx hemm.

Fi kliem iehor, kieku dawn il-provi ngabu quddiem il-gurati, la kienu ser jigu skossi l-konstatazzjonijiet ta' l-esperti fuq imsemmija u anqas ma kienet ser tkun aktar kredibbli l-verzjoni ta' l-appellant u ghalhekk it-talbiet ta' l-appellant f'dawn ir-rigward ma jimmeritawx li jigu akkolti.

(12) Kwantu ghat-tieni kap ta' l-att ta' akkuza, l-appellant isostni li: 1. Prova ta' serq ma saritx u jirreferi ghal provi li ngabu li fil-fond nstab bott go kexxun ta' gradenza fil-kamra tas-sodda b'ammont ta' flus, gojjellerija go vetrina u anke portmoni bil-flus; 2. Prova li l-appellant seraq ma saritx u jirreferi ghal dak li qal David Schembri li l-appellant kien qallu li seraq minn go villa u li kien heba l-flus f'post qieghed jinbena - id-dar tal-vittma Rosaria Schembri ma kinitx villa, it-tfittxijiet li ghamlu l-Pulizija rrizultaw fin-negattiv, mid-dejn li l-appellant kellu ma' Schembri hallas biss parti zghira u mar jistaqsi ghax-xoghol id-Dolphin Forge; 3. Ma saret ebda prova ta' l-aggravju tal-valur; 4. Ma saritx il-prova ta' l-eta` tal-vittma.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migjuba sabiex tiddetermina jekk, nonostante dak kollu li ntqal qabel f’din is-sentenza, il-gurati setghux ragjonevolment u legalment jaslu ghall-konkluzjoni ta’ htija

anke tat-tieni kap ta' l-att ta' akkuza kif huma waslu ghaliha. Minbarra l-istqarrija ta' l-appellant ta' l-10 ta' Gunju 1998 li ghaliha diga` saret referenza f'paragrafu (8), l-unika prova li tidher li hemm kontra l-appellant hi x-xiehda ta' David Schembri li jghid x'qallu l-appellant dakinhar li sehh il-kaz in kwistjoni, u cioe` l-ewwel li fis-1.00 p.m. kien sejjer jisraq minn go villa u wara li kien kollox sew. Huwa veru li xhud wiehed jekk emmnut huwa bizzejjed, izda ma tirrizulta ebda prova li tikkorrobora bhala fatt li nsterqet xi haga mir-residenza ta' Rosaria Schembri. Ir-rizultanzi fuq il-post tad-delitt u mix-xhieda ma taw l-ebda hjiel ta' x'seta' insteraq u lanqas jekk insteraqitx xi haga. It-tfittxijiet tal-Pulizija rrizultaw fin-negattiv. Il-fatt li Joseph Borg xehed dwar dik li tista' tissejjah l-intenzjoni ta' l-appellant ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni univoka li l-appellant irnexxielu jisraq mir-residenza ta' Rosaria Schembri. Ghalhekk billi, fil-fehma ta' din il-Qorti, m'hemmx prova soddisfacenti li l-appellant effettivament seraq u, jekk seraq, x'seraq, il-gurati ma setghux ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li waslu ghaliha dwar it-tieni kap meta sabuh hati bil-verdett minimu ta' sitta (6) bi tlieta (3).

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li setghu jsibuh hati tieghu kien it-tentattiv ta' serq ikkwalifikat. Ghalhekk, in kwantu l-valur, stante li fil-post instabu biss bejn Lm800 u Lm900 fi flus kontanti u xi oggetti li dehru tad-deheb izda li ma gewx valutati, il-kwalifika tal-valur ghandu jitqies limitat ghal dak ta' mhux aktar minn elf lira (Lm1000).

Kwantu ghall-eta` tal-vittma, huwa veru li ma giex esebit certifikat tat-twelid taghha izda l-eta` taghha tirrizulta minn provi ohra, mhux l-inqas mix-xiehda tan-neputija taghha Helen Glass li xehdet li Rosaria Schembri kellha 'l fuq minn tmenin sena u mir-ritratt tal-karta ta' l-identita` taghha[29] li jgib in-numru 109016(M) u mnejn jidher li hija twieldet fil-15 ta' Frar 1916. Ghalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda dubju dwar l-eta` ta' Rosaria Schembri.

[29] A fol. 450 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

**<u>Aggravju dwar il-piena</u>**

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. Huwa jghid li *dato ma non concesso* u ghas-sahha ta' l-argument biss li l-gurati setghu legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-verdett li waslu ghalih, jirrileva li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz il-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija eccessiva. Jghid li ghalkemm huwa veru li l-precedent ma jorbotx taht il-ligi Maltija u li l-paragun f'kazijiet bhal dawn huwa odjuz, huwa fl-interess ta' l-appellant u tal-gustizzja li jkun hemm uniformita` fil-pieni. Jirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' Gunju 2000 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Borg** fejn il-fattispecje huma kwazi identici ghall-kaz odjern u l-piena nflitta kienet dik ta' erbatax-il sena prigunerija.

Fil-kaz citat mill-appellant, John Borg gie akkuzat bir-reat ta' omicidju volontarju li ghalih l-Avukat Generali talab il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, u dak ta' tentattiv ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza (omicidju volontarju, offiza fuq il-persuna ta' eta` ta' aktar minn hamsa u sittin sena), bil-mezz, bil-valur u bil-lok li ghalih l-Avukat Generali talab il-piena ta' prigunerija minn seba' snin sa ghoxrin sena bir-rekluzjoni ghal mhux iktar minn tmintax-il perijodu. L-imsemmi John Borg instab hati kif akkuzat u l-Qorti Kriminali, wara li osservat li l-fatt li jammonta ghar-reat fl-ewwel kap huwa l-istess fatt li jikkostitwixxi l-aggravju ta' vjolenza fir-rigward tat-tentattiv ta' serq fit-tieni kap, <u>iddikjaratu hati biss tat-tieni kap u astjeniet milli tippronunzja ruhha dwar l-ewwel kap</u>. Konsegwentement il-parametri tal-piena kienu bejn seba' snin prigunerija u ghoxrin sena prigunerija bir-rekluzjoni.

Fil-kaz in ezami l-Avukat Generali akkuza lill-appellant b'omicidju volontarju u b'serq ikkwalifikat bil-vjolenza (theddid bil-fomm ta' omicidju, sekwestru tal-persuna, offiza fuq persuna ta' eta' ta' aktar minn hamsa u sittin sena, hsara fil-proprjeta` u omicidju volontarju), bil-mezz, bil-lok, bil-valur u bil-persuna u talab il-prigunerija ghall-ghomor ghaz-zewg reati. Huwa nstab hati kif akkuzat

b'dan li kwantu ghas-serq ikkwalifikat, il-vjolenza kienet tikkonsisti biss f'theddid ta' omicidju u hsara fil-proprjeta`.

Minn dan jidher li kien hemm differenza sostanzjali fil-parametri tal-piena bejn iz-zewg kazijiet.

Din il-Qorti, kif ntqal aktar qabel, sejra pero` tiddikjara lill-appellant hati ta' <u>tentattiv</u> ta' serq ikkwalifikat u mhux ta' serq ikkwalfikat kif gie misjub hati mill-Qorti Kriminali. Nonostante dan, irid jigi enfasizzat li fil-kaz ta' John Borg l-omicidju ta' Paul Balzan kien sehh fl-1 ta' Mejju 1996 meta l-inzul bi grad mill-piena ta' prigunerija ghall-ghomor kien ghal piena ta' minn seba' sa ghoxrin sena prigunerija filwaqt li meta sehh l-omicidju ta' Rosaria Schembri l-inzul bi grad kien ghal piena ta' minn tmien snin sa tletin sena bis-sahha ta' emenda introdotta bl-Att XVI tas-sena 1996. Ghalhekk l-appellant zgur ma jistax jekwipara dan il-kaz ma' dak ta' John Borg. Meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena komplessiva ta' tnejn u ghoxrin sena prigunerija aktar taghmel ghall-kaz.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

(1) Tichad it-talba ta' l-appellant sabiex din il-Qorti tappunta odontologu jew odontologi jew kwalsiasi perit/i li jidhrilha hi sabiex janalizzaw il-konkluzjonijiet tal-Professur Hector Galea fl-isfond vera ta' din ix-xjenza hekk teknika u delikata;
(2) Tichad it-talba ta' l-appellant sabiex din il-Qorti tordna l-produzzjoni tad-dokumenti 98 BHP 475 u 98 BHP 207 sabiex tordna li jsir DNA test u kull test iehor relevanti fuqhom;
(3) Tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi thassar il-verdett u dikjarazzjoni ta' htija dwar it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza, cioe` fejn l-appellant instab hati ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-lok, bil-persuna u bil-vjolenza, liema vjolenza kienet tikkonsisti biss f'theddid ta' omicidju u fi hsara fil-proprjeta`, izda minflok tissostitwixxi l-verdett dwar it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza billi tiddikjara lill-imsemmi Mario Pollacco hati ta' tentattiv ta' serq

ikkwalifikat bil-valur (li ma jeccedix l-elf lira), bil-lok, bil-persuna u bil-vjolenza konsistenti f'theddid ta' omicidju u hsara fil-proprjeta`, tirrevokaha wkoll in kwantu l-appellant gie kkundannat ghal hamsa u tletin sena prigunerija bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' tnejn u ghoxrin sena bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz qabel ma nghatat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament b'dan li l-perijodu ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------